1 – Jacob Borg, Ryan Fenech (Balzan); Terence Agius, Cain Attard, Martin Klein, Ernest Nfor, Fabiano Oliveira, Ryan Scicluna (Birkirkara); Emerson Marcelina, Sebastian Nayar, Arthur Henrique Oyama, Michele Paolucci (Floriana); Juan Corbolan, Gary Muir, Nikolai Muscat, Moises Avila Perez, Andre White (Gzira U.); Triston Caruana, Guilherme Felipe de Castro, Jose' Mauricio Marinho, Joseph Mbong, Pedro Henrique, Thiago Espindola de Paula, Luke Sciberras (Hamrun S.); Andrei Agius, Rui da Gracia Gomez, Martin Kreuzriegler, Jorge Pereira da Silva (Hibernians); Patrick Borg, Miranda Gomez, Djamel Leeflong (Lija A.); Damir Bartulovic, James Brincat, Zachary Brincat, Calvin Camilleri, Cristian Fernandez, Gordon Henshaw, Ivan Maric, Giovanni Trovade (Mosta); Adrian Cascaval, Jurgen Debono, Mark Fenech, Mano Micallef, Jean Diego Moser (Naxxar L.); Edmond Agius, Kilian Amehi, Stefano Bianchiardi, Ricardo Correa, Nikola Gavric, Alex Muscat, Frenci Qeros, Kurt Shaw, Ryan Spiteri, Peter Xuereb (Sliema W.); Aiden Friggieri, Degran Jackson, Nehemiah Perry, Jacob Walker (St Andrew's); Artur Benes, Matteo Desira Buttigieg, Matas Dieye, Godwin McKay, Boubacar Traore (Tarxien Rainbows); Miguel Angel Alba, Nikola Asceric, Jean Borg, Russell Fenech, Juan Cruz Gill, Claudio Pani, Raed Ibrahim Saleh (Valletta).

Auto-Goals (9) – (2) - Ousmane Sidibe (Lija A.) favur Floriana 0-6; favur Sliema W. 0-2; (1) - Matthew Spiteri (Tarxien R.) favur Hamrun S. 1-4; Sem Kemana (Gzira U.) favur Mosta 2-2; Goran Adamovic (Sliema W.) favur Floriana 0-1; v Sliema W. 0-2; Sergio Uyi (Senglea A.) favur Birkirkara 0-5; Ebiabowie Baker (Tarxien R.) favur Naxxar L. 5-2; Daniele Mansi (Mosta) favur Floriana 0-5.

# QORMI JIDDOMINAW




## KIF SPIĊĊAW

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qormi | 26 | 18 | 5 | 3 | 49 | 23 | 59 |
| Pieta H | 26 | 18 | 1 | 7 | 58 | 29 | 55 |
| Zejtun C | 26 | 14 | 6 | 6 | 53 | 31 | 48 |
| Zebbug R | 26 | 13 | 8 | 5 | 46 | 29 | 47 |
| Mqabba | 26 | 13 | 7 | 6 | 48 | 28 | 46 |
| San Gwann | 26 | 12 | 6 | 8 | 46 | 38 | 42 |
| Vittoriosa S | 26 | 9 | 8 | 9 | 41 | 44 | 35 |
| Pembroke A | 26 | 11 | 8 | 7 | 45 | 32 | 31 |
| Qrendi | 26 | 7 | 8 | 11 | 33 | 40 | 29 |
| Sirens | 26 | 8 | 4 | 14 | 40 | 49 | 28 |
| Marsa | 26 | 7 | 7 | 12 | 40 | 51 | 28 |
| Zabbar SP | 26 | 6 | 5 | 15 | 35 | 55 | 23 |
| Melita | 26 | 4 | 7 | 15 | 27 | 53 | 19 |
| Rabat A | 26 | 1 | 2 | 23 | 19 | 78 | 5 |

**Pembroke A. tnaqqsulhom 10 punti*

**16.03.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**San Gwann v Rabat A. 5-1**
Sergio Hili, Kyle Gatt, Mario Andres Arieta, Petar Kanzurov, Alan Borg (SG); Nikolai Attard (RA)

**17.03.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Marsa v Pietà H. 0-1**
Jan Busuttil (PH)
Sirens v Mqabba 2-2
Luke Galea, Ethan Jay Goodman (S); Noah Olawole Ojuola, Michael Borg (M)

**18.03.2018**
**Centenary Stadium**
**Vittoriosa S. v Pembroke A. 1-1**
Joseph JoJo Ogunnupe (VS); Jean Pierre Mifsud Triganza (PA)
**Zabbar SP v Zejtun C. 1-4**
Johan Alberto Castano 2, Filippo Andrea Scozzese, Omar El Hussieny (ZC); Gaetano Adamo (ZSP)

**Victor Tedesco Stadium**
**Qormi v Melita 2-1**
Fabian Lufi (M); Ryan Parrado o.g., Dejan Vukovic (Q)
**Qrendi v Zebbug R. 0-2**
Gary Camilleri, Leighton Grech (ZR)

**31.03.2018**
Centenary Stadium
**Mqabba v Zabbar SP 0-0**
**Zejtun C. v Qormi 1-0**
Ryan Dalli (ZC)

**Victor Tedesco Stadium**
**Pembroke A. v Qrendi 2-1**
Njongo Priso, Jean Pierre Mifsud Triganza (PA); Dhonatan Santos da Hora (Q)
**Zebbug R. v San Gwann 3-1**
Leighton Grech, Arilson Mello da Silva, Larsson Mallia (ZR); Sergio Hili (SG)

**02.04.2018**
**Centenary Stadium**
**Pietà H. v Sirens 2-0**
Jan Busuttil, Gabriel Mensah (PH)

**Victor Tedesco Stadium**
**Melita v Vittoriosa S. 2-2**
Jean Pierre Attard, Emilio Cornago San Pedro (M); Liam Gauci, Joseph Jojo Ogunnupe (VS)

**Rabat A. v Marsa 2-4**
Mark Gauci 2, Dylan Pirotta, Luka Mijic (M); Aidan Azzopardi, Joseph Caruana (RA)

**06.04.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**San Gwann v Pembroke A. 0-2**
Tyrone Fenech, Njongo Priso (PA)

**07.04.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Zabbar SP v Pietà H. 0-2**
Gabriel Mensah 2 (PH)
**Mqabba v Zejtun C. 1-1**
Noah Olawole Ojuola (M); Saturday Nanapere (ZC)

**08.04.2018**
**Centenary Stadium**
**Qrendi v Melita 1-2**
Alan Borg Olivier, Nicholas Grima (M); Kenneth Abela (Q)
**Marsa v Zebbug R. 3-2**
Rafael de Fex Marriaga, Steve Schembri o.g., Luka Mijic (Q); Miguel Attard, Arilson Mello da Silva (ZR)

**Victor Tedesco Stadium**
**Sirens v Rabat A. 4-0**
Michael Micallef 2, Daniel Agius 2 (S)
**Vittoriosa S. v Qormi 1-2**
Michael Camilleri, Lubos Adamec (Q); Emmanuel Mbong (VS)

**09.04.2018**
**Centenary Stadium**
**Qrendi v Melita 1-2**
Alan Borg Olivier, Nicholas Grima (M); Kenneth Abela (Q)

**13.04.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Pembroke A. v Marsa 1-2**
Paul Lapira, Rafael de Fex Mariaga (M); Jean Pierre Mifsud Triganza (PA)

**14.04.2018**
**Victor Tedesco Stadium 2-1**
**Pietà H. v Mqabba**
Lawrence Chiedozie 2(PH); Paul Chimezie (M)

**Zebbug R. v Sirens 5-2**
Arilson Mello da Silva 2, Ryan Micallef, Mauro Bonnici, Larson Mallia (ZR);
Michael Micallef, Ethan Goodman (S)

**15.04.2018**
**Centenary Stadium**
**Rabat A. v Zabbar SP 0-6**
Kurt Borg 5, Dylan Micallef (RA)
**Qormi v Qrendi 2-0**
Michael Camilleri, Luke Busuttil (Qm)

**Victor Tedesco Stadium**
**Melita v San Gwann 0-3**
Sergio Hili, David Fenech, Petar Kanzurov (M)
**Zejtun C. v Vittoriosa S. 6-0**
Adam Smeir, Adrian Carabott, Johann Castano 2, Yessous Camilleri, Saturday Nanapere (ZC)

**19.04.2018**
**Centenary Stadium**
**Mqabba v Rabat A. 2-0**
Paul Chiemezie 2 (M)

**20.04.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Sirens v Pembroke A. 0-2**
Christian Camilleri, Jean Pierre Mifsud Triganza (PA)
**Marsa v Melita 4-4**
Marko Platisa 3, Paul Lapira (Ms)
own goal, Emilio Cornago San Pedro, Luke Mifsud, Julian Abela (Ml)

**21.04.2018**
**Centenary Stadium**
**San Gwann v Qormi 1-2**
Tension Gusman, Iven Zammit (Q); Godwin Blessing Henshaw (SG)
**Qrendi v Vittoriosa S. 5-0**
Aaron Agius (3), Shunsuke Nakamura, Julio Cesar Souza Martins
Victor Tedesco Stadium
**Pietá H. v Zejtun C. 4-2**
Juan Manuel Artiaga Roa, Nicholas Pisani, Jan Busuttil, Lawrence Chiedozie (PH); Adrian Carabott, Omar El Hussieny (Z)
**Zabbar SP v Zebbug R. 1-3**
Aud-Gustine James Obaje, Larson Mallia 2 (ZR); Aidan Agius Gilford (ZSP)

# GUDJA U.

## JIRBĦU T-TITLU WARA LOGĦBA DEĊIŻIVA KONTRA STA LUCIA




### KIF SPIĊĊAW

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gudja U | 24 | 13 | 7 | 4 | 43 | 13 | 46 |
| Sta Lucia | 24 | 13 | 7 | 4 | 50 | 26 | 46 |
| Swieqi U. | 24 | 12 | 8 | 4 | 39 | 19 | 44 |
| Fgura U. | 24 | 12 | 7 | 5 | 48 | 27 | 43 |
| Siggiewi | 24 | 11 | 8 | 5 | 43 | 24 | 41 |
| Marsaxlokk | 24 | 11 | 6 | 7 | 42 | 31 | 39 |
| B'buġa SP | 24 | 10 | 6 | 8 | 42 | 37 | 36 |
| Kalkara | 24 | 11 | 3 | 10 | 47 | 49 | 36 |
| Mgarr U. | 24 | 9 | 8 | 7 | 39 | 45 | 35 |
| Luqa SA | 24 | 6 | 4 | 14 | 30 | 53 | 22 |
| St George's | 24 | 6 | 2 | 16 | 16 | 49 | 18 |
| Attard | 24 | 4 | 4 | 16 | 21 | 42 | 16 |
| Gharghur | 24 | 1 | 4 | 19 | 16 | 61 | 7 |

** Siggiewi ngħataw rebħa ta' 3-0 fuq St George's wara passi dixxiplinari*
** St George's tnaqqsulhom 2 punt*

**31.03.2018**
**Luxol Stadium**
**Marsaxlokk v Birżebbuġa SP 2-3**
Sam Kind 2, Didier Sohna (BSP); Ryan Cauchi, Pablo Doffo (M)
**Għargħur v Santa Lucia 1-5**
Paolo Dandolo, Sebastian Perdomo 2, Steve Meilak, Emanuel Cutajar (SL); Cain Saliba (Għ)

**Sirens Stadium**
**Luqa SA v Siggiewi 1-2**
Ayrton Micallef, Edward Bugeja (S); Greg Marney (LSA)
**Mgarr U. v Attard 3-0**
Daniel Cremona 2, Jamie Lee Micallef (MU)

**03.04.2018**
**Centenary Stadium**
**Gudja U. v St George's 5-0**
Nicholas Zammit 2, Ronnie Celeste 3 (GU)
**Fgura U. v Kalkara 1-2**
Abeeb Abiodun Williams (FU) Beppe Antignolo, Timothy Thomas (K)

**07.04.2018**
**Centenary Stadium**
**Attard v Luqa SA 1-0**
Kurt Zahra (A)
**Birżebbuġa SP v Mgarr U. 1-1**
Paul Camilleri (BSP); Leon Muscat (MU)

**08.04.2018**
**Luxol Stadium**
**St George's v Marsaxlokk 2-0**
Bobby Ray Vaughan 2 (SG)
**Swieqi U. v Gudja U. 0-0**

**Sirens Stadium**
**Siggiewi v Għargħur 7-0**
Gilmore Azzopardi, Jacob Vincent Magri, Christopher Edafe Uzeh, Ryan Caruana, Ryan Darmanin, Ayrton Micallef, Jason Camilleri (S)
**Kalkara v Santa Lucia 2-6**
John Nwoba 3, Steve Meilak 2, Paolo Dandolo (SL); Timothy Thomas 2 (K)

**14.04.2018**
**Centenary Stadium**
**Għargħur vs Attard 1-0**
Nikola Tasic (Għ)
**Santa Lucia vs Siggiewi 0-0**

**Luxol Stadium**
**Gudja U. vs Fgura U. 0-1**
Thomas Grech (SL)
**Mgarr U. v St George's 1-5**
Daniel Zammit, Bobby Vaughan 4 (SG); Lazar Doric (MU)
**Sirens Stadium**
**Marsaxlokk vs Swieqi U. 3-1**
Matthew Bartolo, Kristian Sultana o.g., Cleavon Frendo (M); Shaun Bugeja (SU)

**Luqa SA vs Birzebbuġa SP 1-3**
Greg Marney (LSA); Keith Muscat, Gabriel Buttigieg o.g., Darrell Grech (BSP)

**Championship Decider**
**21.04.2018**
**Luxol Stadium**
**Gudja U. v Sta Lucia 3-1**
Ronnie Celeste 2, Anthony Ewurum (GU); Keith Vella (SL)

**Relegation/Promotion Play-Off**
**St George's v Xgħajra T. 2-1**
Royter Degiorgio (XT); Daniel Zammit, Bobby Vaughan (SG)

# ST VENERA LIGHTNINGS CHAMPIONS




Ritratt: Walter Sargent

## KIF SPIĊĊAW

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St Venera L. | 22 | 17 | 2 | 3 | 57 | 11 | 53 |
| Mellieħa | 22 | 16 | 2 | 4 | 56 | 15 | 50 |
| Xgħajra T. | 22 | 13 | 5 | 4 | 43 | 22 | 44 |
| Kirkop U. | 22 | 12 | 6 | 4 | 36 | 22 | 42 |
| Msida SJ | 22 | 12 | 2 | 8 | 37 | 29 | 38 |
| Mdina K. | 22 | 9 | 4 | 9 | 39 | 29 | 31 |
| Għaxaq | 22 | 9 | 4 | 9 | 32 | 31 | 31 |
| Dingli S. | 22 | 7 | 7 | 8 | 20 | 27 | 28 |
| Zurrieq | 22 | 8 | 3 | 11 | 25 | 32 | 27 |
| Mtarfa | 22 | 4 | 3 | 15 | 17 | 50 | 15 |
| Ta' Xbiex | 22 | 2 | 2 | 18 | 16 | 61 | 8 |
| Marsaskala | 22 | 2 | 2 | 18 | 15 | 64 | 8 |

**17.03.2018**
**Luxol Stadium**
**Mtarfa v Xgħajra T. 1-3**
Royter Degiorgio 3 (XT); Chris Farrugia (M)

**Kirkop U. v Għaxaq 2-0**
Ayrton Buhagiar, Karl Caruana

**Sirens Stadium**
**Msida SJ v Marsaskala 5-0**
Cristian Toro Perdomo 3, Matthew Borg, Darren Bartoli (MSJ)

**St Venera L. v Mdina K. 5-0**
Eddie Wileman (3), Luca Bugeja, Jonathan Micallef

**18.03.2018**
**Charles Abela Stadium**
**Dingli S. v Zurrieq 2-1**
Karl Cilia, Robert Ciantar (DS); Ryan Farrugia (Z)

**Ta' Xbiex v Mellieħa 0-6**
Jean Scholey, Steve Axisa o.g., Bryan Bautista, Ryan Sciberras, Gilbert Camilleri, Lydon Micallef (M)

**24.03.2018**
**Sirens Stadium**
**Mdina K. v Kirkop U 1-1**
Mark Saliba (MK); Ayrton Buhagiar (K)

**Xgħajra T. v St Venera L. 1-0**
Royter Degiorgio (XT)

**Luxol Stadium**
**Dingli S. v Msida SJ 0-2**
Cristian Toro Perdomo, Carlston Cardona (MSJ)

**Zurrieq v Ta' Xbiex 3-1**
Jacob Camilleri, Nathan Zammit, Nicholas Abdilla (Z); Donovan Micallef (TX)

**25.03.2018**
**Sirens Stadium**
**Mellieha v Mtarfa 5-0**
Gilbert Camilleri 2, Jean Scholey, Bryan Bautista, Jack Vella (Mel)

**Għaxaq v Marsaskala 2-0**
Ian Mifsud, Nigel Vella (Għ)

**07.04.2018**
**Luxol Stadium**
**Marsaskala v Mdina K. 0-6**
Cachel Vella, Mark Saliba 3, Sam Bartolo, Stefi Cale (MK)

**St Venera L. v Mellieħa 4-0**
Chris Vella, Eddie Wileman 3 (M)

**Sirens Stadium**
**Msida SJ v Għaxaq 0-2**
Dean Agius, Ian Calleja

**Kirkop U. v Xgħajra T. 3-1**
Royter Degiorgio (XT); Melchior Grech, Luca Mizzi, Karl Caruana (KU)

**08.04.2018**
**Charles Abela Stadium**
**Ta' Xbiex v Dingli S. 0-3**
Christopher Schembri, Andrew Scerri, Robert Ciantar

**Mtarfa v Zurrieq 0-2**
Ibrahim Tarik, Josef Felice (Z)

**15.04.2018**
**Charles Abela Stadium**
**Mellieha vs Kirkop U. 5-1**
Jacob Farrugia, Gilbert Camilleri, Ryan Sciberras, Bryan Bautista Navarro, Matthew Cassar o.g. (M); Ayrton Buhagiar (KU)

**Ta' Xbiex vs Msida SJ 1-4**
Darren Bartoli 2, Christian Perdomo Toro 2 (MSJ); Nicholas Scicluna (TX)

**Luxol Stadium**
**Zurrieq vs St Venera L. 0-3**
William Camilleri 2, Gerald Ancilleri (SVL)

**Mdina K. vs Għaxaq0-2**
Mark Anthony Ellul, Martin Busuttil (Għ)

**Xgħajra T. vs Marsaskala 2-0**
Royter Degiorgio, Glenn Tanti (XT)

**Sirens Stadium**
**Dingli S. vs Mtarfa 1-1**
Luke Galea (DS); R. Zammit (M)


adidas
asics
Babolat
diadora
HIGH POWER
LEONE
macron
TEAMSPORT
Triq Dun Karm (Birkirkara Bypass), Iklin | Psaila Street, Birkirkara
Reebok
speedo
molten
Sixtus
MCDAVID
UNDER ARMOUR
TYR

BECOME A REFEREE
REFEREEING IS...FUN
referees@mfa.com.mt
RECRUITMENT NOW OPEN!
Contact referees@mfa.com.mt
MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
1900



# IL-KILBA BIEX NIRBĦU QED TEGĦLEB L-ELEMENT TAL-PJAĊIR

## JOE CASSAR

(VIĊI-PRESIDENT TAL-YOUTH FA)

» "Protagonisti - numru ta' persuni minn dipartimenti differenti fil-kamp tal-football Malti, li matul is-snin ħadmu biex jaraw il-Youth FA. tifjorixx, u l-Youth Football jikber f'pajjiżna. Ser nintervistaw persuni u magħhom niskopru aktar fil-fond, dak li llum forsi huwa parti mill-istorja. Kurżitajiet, opinjonijiet, fatti, diżappunti, xewqat, memorji u oħraj u, dak kollu li żamm lill-Youth FA ħajja sal-lum."

F'din l-ewwel intervista, protagonist li m'għandu bżonn l-ebda introduzzjoni - Joe Cassar - pilastru ewlieni sa mit-twaqqif tal-Youth FA twieled f'Raħal Ġdid, miżżewweġ lil Marsette, u għandu tlett it-tfal. Okkupa diversi karigi għoljin fil-Youth FA fil-preżent wieħed mill-viċi presidenti tal-Assoċjazzjoni. Deputat Segretarju Ġenerali tal-MFA b'responsabbiltà diretta tad-Dipartiment Internazzjonali u l-Events. Ħadem ma' diversi Segretarji Parlamentari u Ministri responsabbli mill-Isport f'pajjizna, bħala konsulent u CEO. Mexxa b'suċċess il-fażi finali tal-UEFA Under 17 f'Malta, kif ukoll diversi konferenzi ġewwa pajjiżna tal-UEFA u tal-FIFA. Dan minbarra l-ħidma diretta fdata lilu f'diversi attivitajiet fuq skala nazzjonali. «

PROTAGONISTI

tal-youth football f'Malta

*Qabel il-ħidma tiegħek diretta mal-Youth FA f'diversi karigi importanti, għal diversi snin, kont wieħed mill-pilastri fin-nursery ta' Għajn Dwieli. Kif nibtet l-idea tat-twaqqif ta' waħda mill-ewwel nurseries dik ta' Għajn Dwieli? X'kienet l-esperjenza matul iż-żmien tiegħek li għamilt f'din in-nursery?*

L-Għaqda Sportiva Għajn Dwieli twieldet minn grupp ta' abbatini li konna nagħtu s-servizz tagħna fil-Knisja tal-Kapuċċini u numru ta' żgħażagħ li kienu joqogħdu fiż-żona ta' Għajn Dwieli. Wara numru ta' snin nilagħbu l-football fuq iz-zuntier, fl-1976, ġiena l-ħsieb li nifformaw team tal-football biex nibdew nieħdu sehem fil-kampjonat tal-Under 16 li kien jiġi organizzat mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport kif ukoll f'kampjonat ieħor li kien jismu 'Junior Friendship Soccer League'. Nista' ngħid li jien mill-ewwel mort fuq l-aspett amministrattiv tal-logħba għaliex il-coach kien ħass li kont utli aktar f'dak l-element milli bħala player fil-grupp. Nista' ngħid li kienet deċiżjoni għaqlija.

F'dawk iz-zminijiet għalkemm il-faċilitajiet u riżorsi ma

## Intervista minn Joe Micallef (Segretarju tal-Youth FA)

kienu xejn ikkomparati ma' tal-lum, xorta waħda konna nieħdu gost norganizzaw, nilagħbu u nagħmlu attivitajiet soċjali fuq livell għoli meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi. L-Għaqda kienet kollha fuq element voluntarju inkluż il-coaches u ma kienx hemm l-ebda ħlas ta' mizata.

Il-prinċipju fundamentali tagħna kien li jkollna Għaqda li tilqa' lit-tfal kollha li jridu jilagħbu l-football. Kien important għalina li jkun hemm biżżejjed tfal reġistrati biex inkunu nistgħu nonoraw il-logħob, nippruvaw nirbħu imma l-importanti li kulħadd ikollu ċ-ċans li jilgħab u jieħu gost! Fl-Għaqda kien hemm post u rwol għal kulhadd.

Fl-ewwel snin ma kellniex club house u konna nagħmlu użu minn karma offruta lilna mill-istess patrijiet u anke bini ieħor offrut lilna mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport. Fl-aħħar tas-snin 70, l-Għaqda, bis-saħħa tal-Ministru responsabbli mill-Isport ta' dak iż-żmien, l-Onorevoli Lorry Sant, ġiet mogħtija club house u ground 7-a-side.

Matul l-ewwel snin tal-operat tagħna konna rajna l-qafas ta' kif kienu jaħdmu Sliema Wanderers fis-settur taż-żgħażagħ permezz ta' kelma ġdida għal dak iż-żmien, 'Football Nursery'.

Għadni niftakar il-ġimgħat li kont għamilt maċ-Chairman ta' Sliema Wanderers Football Nursery, is-Sur Ġużi Fava, fejn kien tani d-dettalji kollha ta' kif kienet qed taħdem in-Nursery tiegħu. Il-kunċett ta' Nursery kien ġie aċċettat internament u l-Għaqda Sportiva Għajn Dwieli ġiet mibdula f'nursery tal-football b'kategorija ta' etajiet li kienu jibdew minn Under 12 sal-Under 16. Nista' ngħid li l-Għaqda tagħna kienet waħda mill-ewwel nurseries f'Malta wara dik tas-Sliema Wanderers.

*Wara l-ħidma tiegħek għal diversi snin fin nursery ta' Għajn Dwieli, sibt ruħek bħala wieħed mill-pilastri ewlenin fit-tmexxija tal-Youth FA. X'kien li wassalt biex tittwaqqaf il-Youth FA? Liema kienu l-ewwel nurseries affiljati u x'kienu d-diffikultajiet tagħhom ... u l-attivitajiet prinċipali li kienet torganizza l-Youth FA fl-ewwel snin mit-twaqqif tagħha?*

Fl-1979 kont ġejt maħtur bħala segretarju tal-Kampjonat Under 16, li kien isir b'mod paralell mal-kampjonat Under 16 organizzat mill-MFA. Fil-kampjonat organizzat taħt il-kappa tal-Ministeru kont isib diversi timijiet li kienu joħorġu minn ħwienet tat-té, każini u bars. Fl-istess żminijiet kont inservi bħala assistent segretarju ma' Hibernians FC u kont nagħti l-kontribut tiegħi dirett fis-settur tal-Youths.

Kont inħoss, u mhux waħdi, li ma kinetx f'postha li f'pajjiż daqshekk żgħir għandu jkun hemm żewġ kampjonati differenti tal-Under 16 fejn fil-maġġoranza kienu jkunu



l-istess tfal jilagħbu. Dan il-kliem mhux l-ewwel darba li kont stqarrejtu f'laqgħat differenti u nista' ngħid li ma tantx kien faċli li tikkonviċi lin-nies dwar il-ħtieġa li għandu jkun hemm kampjonat wieħed. Kien jidher fiċ-ċar li ħadd ma ried jitlaq xejn mit-territorju tiegħu.

Kien biss mal-ħatra tal-Avukat George Abela bħala President tal-MFA li din il-kwistjoni setgħet tiġi diskussa b'serjetá u b'deċiżjonijiet li setgħu jittieħdu. Dan wassal biex twieldet il-Youth FA - assoċjazzjoni li l-lum għandha 36 sena ta' esperjenza. Naħseb li l-problemi tan-nurseries kienu nuqqas ta' faċilitaijiet diċenti, il-ħidma biex l-operat ma jibqax minn ġol-każini mhux relatati ma' sport u tidħol f'ambjent verament ta' sport, coaches ikkwalifikati, apparat u finanzi.

*Tħoss li l-kunċett u l-prinċipji tal-Youth FA inbidlu minn meta twaqqfet għal-lum? Hemm minn jiddefinixxi li l-bidu tan-nurseries kienu aktar kunsidrati bħala ċentru taż-żgħażagħ, minn kif huma llum, fejn ħafna huma aktar iffokati fuq it-teknika u rebħ, milli aktar fuq affarijiet oħra li jiffurmaw il-karattru sħiħ tal-persuna fiżika/edukattiva/formazzjoni?*

Fl-opinjoni tiegħi personali inħoss li l-ideal għaliex twaqqet il-Youth FA tbiddel matul is-snin.

Fl-ewwel snin konna naħdmu ħafna sabiex ikollna bażi wiesa' ta tfal li jieħdu sehem fil-football għall-iżvilupp tal-logħba Maltija f'ambjent sportiv u mingħajr pressjoni żejda. Għalina l-importanti kien li l-Youth FA bil-clubs membri tagħha ngħinu fl-iżvilupp tal-karattru tal-istess tfal.

Kien isir enfasi li t-tfal jingħataw l-aħħar taħriġ possibbli f'ambjent kalm u mingħajr għajjat. Inħoss li l-element li l-logħba toffri ċ-ċans lil KULĦADD jieħu pjaċir spiċċa. Sfortunatament il-kilba biex nirbħu qed tegħleb il-"fun element" li tant ħdimna fuqu l-ewwel nurseries fit-twaqqif tal-Youth FA. Għadni niftakar lil Fr Hilary jgħid li n-nurseries kien il-lok fejn kull tifel seta' jmur u jieħu pjaċir jilgħab irrispettivament mal-kapaċitajiet tiegħu.

...... tissokkta

# BIRŻEBBUĠA JIRBĦU X-SHIELD U BORMLA JIRBĦU KATEGORIJA 'B'

» Fis-7 ta' April, fil-Port il-Kbir saret ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien liema data ġiet imressqa minħabba li l-31 ta' Marzu ta' din is-sena ħabat Sibt il-Għid.

Fil-verità, l-attendenza kienet diżappuntanti hekk kif il-Port kien nieqes minn dawk l-eluf ta' partitarji li fis-snin passati kien joħonqu s-swar tal-madwar kif ukoll kull rokna tal-Port bil-bċejjeċ tal-baħar.

Ir-riħ ma tantx għen lill-qaddiefa minħabba li beda jonfoħ ġo fihom iżda b'mod denju onoraw din ir-Regatta li kienet ukoll waħda pjaċevoli.

Kienu Birżebbuġa li rebħu l-Kategorija Open għat-tieni darba fl-istorja tal-club, bl-oħra tkun fl-2015.

Sar-raba' tiġrija, huma kienu fit-tieni post wara Bormla biex kienet l-aħħar tiġrija, dik tal-Pass ta' b'Erbgħa li kellha tiddeċiedi kollox. Iżda kellha tintuża l-photo-finish biex Birżebbuġa ġew dikjarati rebbieħa segwiti minn Marsamxett u Marsa. Dan minħabba li ħames dgħajjes daħlu ras im'bras biex kien hemm tmiem eċċitanti. Tant kemm id-dgħajjes daħlu qrib ta' xulxin li l-ġurija ħadet aktar minn 20 minuti biex jiġi dikjarat ir-rebbieħ hekk kif sa qabel din it-tiġrija, Bormla kienu qed jillidjaw il-klassifika ġenerali b'4 punti fuq Birżebbuġa.

Kategorija B ntrebħet minn Bormla li kellhom dominju assolut hekk kif rebħu erba' tiġrijiet minn ħamsa b'dik li fallew tkun it-tiġrija tal-frejgatini bi tmunier meta spiċċaw fit-tieni post. Din kienet ir-raba' tiġrija li bil-punti li kisbu, Bormla aċċertaw mir-rebħ tax-Shield biex il-ħames waħda kienet formalità.

Saret ukoll it-tiġrija tal-veterani tal-Pass b'Erbgħa li kienet komposta minn nofs il-korsa. Din intrebħet minn Marsamxett, bl-ekwipaġġ ikun iffurmat minn Ronnie Zammit, Martin Mifsud, Sandro Zammit u Jesmond Debattista. Dawn kienu segwiti minn Bormla, l-Isla u l-Birgu. «



# Regatta Jum il-Ħelsien 2018

ritratti: Alan Saliba











## Riżultati u Klassifiki

**Kategorija Open**

**Dgħajjes (A) - Tal-Midalji b'erba' imqadef**
**1.** Birżebbuġa - Ħin: 5'53"; **2.** Bormla; **3.** Marsa u Marsamxett

**Frejgatini b'żewġ imqadef u tmunier**
**1.** Marsa - Ħin: 6'49"; **2.** Birżebbuġa; **3.** Bormla

**Dgħajjes (C) - Tal-Pass b'żewġ imqadef**
**1.** Bormla - Ħin: 5'56"; **2.** Marsamxett; **3.** Isla

**Kajjikki b'żewġ imqadef**
**1.** Marsa - Ħin: 6'44"; **2.** Birżebbuġa; **3.** Bormla

**Tal-Pass ta' b'Erbgħa**
**1.** Birżebbuġa - Ħin: 5'41"; **2.** Marsamxett; **3.** Marsa

**Klassifika Finali**: 60 - Birżebbuġa; 40 - Bormla; 35 - Marsa; 31 - Marsamxett; 6 - Isla; 0 - Birgu u Kalkara

**Kategorija B**

**Dgħajjes (C) - Tal-Pass b'żewġ imqadef**
**1.** Bormla - Ħin: 6'17"; **2.** Marsamxett; **3.** Kalkara

**Kajjikki b'żewġ imqadef**
**1.** Bormla - Ħin: 6'55"; **2.** Isla; **3.** Kalkara

**Dgħajjes (A) - Tal-Midalji b'erba' imqadef**
**1.** Bormla - Ħin: 5'11"; **2.** Birżebbuġa; **3.** Isla

**Frejgatini b'żewġ imqadef u tmunier**
**1.** Isla - Ħin: 7'29"; **2.** Bormla; **3.** Birżebbuġa

**Dgħajjes (B) - Tal-Pass b'erba' imqadef**
**1.** Bormla - Ħin: 5'54"; **2.** Marsamxett; **3.** Birżebbuġa

**Klassifika Finali**: 84 - Bormla; 28 - Marsamxett; 26 - Isla; 24 - Birżebbuġa; 10 - Kalkara; 0 - Birgu u Marsa




# SPORTIV

## BIRŻEBBUĠA – REBBIEĦA TAX-SHIELD TA' JUM IL-ĦELSIEN 2018

ritratt: Alan Saliba




# SPORTIV

## BORMLA – REBBIEHA TA' KATEGORIJA B TA' JUM IL-HELSIEN 2018

ritratt: Alan Saliba

# INTERVISTA MA' ADRIAN CASHA



"Inħoss responsabbiltà kbira għax nifhem is-sagrifiċċji tal-qaddiefa"

- Adrian Casha
(Chief Judge tar-Regatta Nazzjonali)

» Aktar kmieni dan ix-xahar ir-Regatta Nazzjonali ta' Jum il-Ħelsien iddominat il-kalendarju sportiv. Għal darb'oħra, ic-Chief Judge Adrian Casha kien fdat bir-responsabbiltà li japplika r-regolamenti mfassla mill-Għaqda Regatta Nazzjonali.

Adrian Casha m'għandu bżonn l-ebda introduzzjoni fix-xena sportiva, fejn wara karriera brillanti bħala referee tal-football b'għadd ta' appointments anki fix-xena internazzjonali, bejn l-2011 u l-2016 huwa wettaq riforma sħiħa fis-settur tar-refereeing bħala Direttur fi ħdan l-MFA. Taħt it-tmexxija ta' Casha, ir-referees Maltin għamlu l-akbar avvanz u gawdew minn tant inizjattivi ġodda, li wassluhom biex jiġu rikonoxxuti mill-FIFA u l-UEFA b'għadd ta' appointments prestiġġużi.

Sportiv tkellem ma' Adrian Casha dwar l-irwol ġdid tiegħu u l-kontribut siewi li qed jagħti lil dan l-isport tradizzjonali Malti.

**Kif bdiet il-konnessjoni tiegħek mar-Regatta Nazzjonali?**

Fi Frar 2017, irċevejt telefonata mingħand is-Sur Franco Scicluna, wieħed miż-żewġ viċi-presidenti tal-Għaqda Regatta Nazzjonali, li nfurmani b'deċiżjoni unanima tal-assoċjazzjoni li jien ninħatar bħala Chief Judge minħabba l-esperjenza twila tiegħi bħala ġudikant fil-logħba tal-football. Ma kontx qed nistenniha imma aċċettajt l-inkarigu wara laqgħa li kelli mal-kumitat tal-Għaqda li esprima fiduċja sħiħa fil-ħiliet u l-integrità tiegħi. Kien kellimni wkoll l-eks Segretarju Parlamentari, Chris Agius, li wkoll ħeġġiġni naċċetta din ir-responsabbiltà ġdida. Ġejt mgħarraf ukoll li Sport Malta kienu wkoll favur in-nominazzjoni tiegħi.

**Kemm sibtha diffiċli biex tadatta ruħek fi sport relattivament ġdid għalik?**

Sibt għajnuna kbira mill-membri tal-kumitat tal-Għaqda Regatta Nazzjonali, speċjalment mill-president, Joe N. Grima u ż-żewġ viċi-presidenti, David Brydon u Franco Scicluna, sakemm studjajt ir-regolamenti u tgħallimt il-kuluri tas-seba' clubs li jipparteċipaw. Ħaduni dawra fuq il-baħar fil-Port il-Kbir biex nara l-korsa u nifhem aħjar l-involviment tiegħi. Il-clubs kollha laqgħuni tajjeb u mill-ewwel ħassejtni komdu nagħti s-servizz tiegħi lill-eqdem sport tradizzjonali Malti.

**X'kien it-tibdil ewlieni li proponejt?**

Bidla importanti kienet li fuq il-patrol boat fejn inkun ma jkollix rappreżentanti tal-clubs, sabiex inkun nista' niġġudika b'mod aktar trankwill. Żidt in-numru ta' judges u ffurmajt team ta' persuni indipendenti li nista' nafda u nserraħ rasi minnhom. Ħtart ukoll assistent tal-fiduċja tiegħi, li miegħu nkun nista' niddiskuti l-andament tat-tiġrijiet. Riċentement issuġġerejt ukoll l-użu ta' kamera bi speċifikazzjonijiet aqwa u pożizzjoni aktar fil-għoli minn




fejn jinġibdu l-aħħar ftit metri tat-tiġrijiet qabel id-dgħajjes jaqbżu l-finish line.

**Kif tħossok waqt li tkun qed taqdi dmirek bħala Chief Judge?**

Inħoss responsabbiltà kbira għax nifhem is-sagrifiċċji li jkunu għamlu l-qaddiefa waqt it-taħriġ u l-passjoni kbira li għandhom id-dilettanti ta' dan l-isport. Lejliet ir-regatta nkun eċċitat bħalma kont inkun lejliet xi logħba football importanti meta kont għadni referee. Minkejja t-tensjoni li ġieli tinħass minħabba r-rivalità sportiva bejn il-clubs, inżomm ruħi kalm u nieħu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn bla biża'. Noqgħod attent li napplika r-regolamenti b'mod preċiż, iżda nuża s-sens komun bħalma kont nagħmel bħala referee tal-football.

**X'inhuma l-akbar sfidi li tiltaqa' magħhom?**

L-akbar sfida li niltaqa' magħha huwa t-temp, bħalma seħħ fir-Regatta tal-Vitorja f'Settembru li għadda, meta maltemp qalil ħakem lill-Gżejjer Maltin u l-aħħar żewġ tiġrijiet saru f'kundizzjonijiet mill-agħar għall-qaddiefa. Meta jaħkem ir-riħ, trid tkun pro-attiv u tagħti struzzjonijiet lill-water judges sabiex ikellmu lill-qaddiefa bil-loudhailers u jitolbuhom jikkoreġu l-pożizzjoni tagħhom ħalli nevitaw il-possibbiltà ta' ħabta bejn żewġ opri. Sfida oħra hija meta tkun se tiskwalifika dgħajsa. Hija deċiżjoni li trid tkun ċert minnha għax taf tkun tfisser sospensjoni fit-tul għall-qaddiefa involuti. Hija sfida wkoll meta jkun jinħtieġ l-użu tal-filmat biex niddeterminaw min ikun daħal fl-ewwel tliet pożizzjonijiet, bħalma ġara fl-aħħar tiġrija ta' Jum il-Ħelsien, meta ħames dgħajjes daħlu flimkien fil-finish line.

**X'messaġġ għandek lejn id-dilettanti ta' dan l-isport?**

Nirringrazzjahom tal-fiduċja tagħhom fija u nħeġġiġhom biex ikomplu jirsistu ħalli dan l-isport tradizzjonali jissaħħaħ għax huwa parti importanti mill-kultura ta' pajjiżna. Napprezza l-passjoni tagħhom u nħeġġiġhom isegwu bi ħġarhom lill-club tagħhom.

**Għadek involut fil-logħba tal-football?**

Il-football jibqa' l-iktar sport għal qalbi. Bħalissa jiena membru fil-kumitat tal-Industries Soccer Association, li hija affiljata mal-MFA. Għadni nagħti pariri lir-referees Maltin u barranin li jfittxu l-għajnuna tiegħi u nieħu sehem f'tournaments barra minn Malta bħala referee observer. L-impenn li jmiss huwa fil Paris World Games, f'Lulju li ġej, fejn se nkun qiegħed insegwi mill-qrib għadd ta' referees minn pajjiżi differenti u flimkien ma' coaches oħrajn b'esperjenza fil-FIFA u l-UEFA bħali, ngħinuhom jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom. ❮❮



LOGĦOB TAL-COMMONWEALTH

# MALTA TIRBAĦ ŻEWĠ MIDALJI TAL-BRONŻ

» Fil-Logħob tal-Commonwealth li sar bejn l-4 u l-15 ta' dan ix-xahar, f'Gold Coast, fi Queensland, fl-Awstralja, Malta kisbet żewġ midalji tal bronż fil Women's Four, fil-Lawn Bowls, u fit-Trap.

Team Malta kien iffurmat minn 25 atleta li ħadu sehem f'dawn id-dixxiplini:

Atletika: Andrew Cassar Torregiani, Ian Paul Grech u Charlotte Wingfield

Ċikliżmu: David Treacy u Alexander Smyth

Ġinnastika: Sana Grillo

Lawn Bowls: Brendan Aquilina, Sharon Callus, Shaun Parnis, Connie-Leigh Rixon, Rebecca Rixon u Rosemary Rixon

Lotta: David Galea, Gary Giordmaina u Adam Vella

Sparar: Marlon Attard, Eleonor Bezzina, William Chetcuti, Brian Galea u Nathan Lee Xuereb

Squash: Bradley Hindle, Dianne Kellas, Colette Sultana u Daniel Zammit Lewis

Welghtlifting: Yazmin Zammit Stevens

---

**Ġurnata 1**

L-ewwel riżultati waslu fil-Lawn Bowls meta ġew reġistrati żewġ rebħiet mit-timijiet tan-nisa fil-Women's Fours u rebħa għall-irġiel fil-Men's Pairs rispettivament.

It-team tal-irġiel kien kompost minn Shuan Parnis u Brendan Aquilina filwaqt li dak tan-nisa kien iffurmat minn Sharon Callus, Rosemarie Rixon u ż-żewġt itfal tagħha Rebecca u Connie-Leigh.

Fid dixxiplina femminili, il-Maltin għelbu lill-Ingilterra 14-10 u lill-Indja 20-15, filwaqt li f'dik maskili, il-Maltin tilfu kontra l-Awstralja 22-11 iżda għelbu lil Brunei 28-11.

Fl-isquash, Colette Sultana kellha rebħa tajba fuq Suzanne Hennings (Cayman Islands) meta għelbitha bl-iskor ta' 3-0, bis-sets ikunu 11-7, 11-3, 11-4.

Għaldaqstant hija kkwalifikaw mal-Aħħar 32 iżda sfatmegħluba minn Nicol David tal-Malasja. David rebħet it-titlu mondjali tal-isquash għal tmien darbiet u hija meqjusa bħala leġġenda tal-isquash. Sultana tilfet it-tliet logħbiet tagħha kontra David li wriet supremazija kbira.

Il-Maltija Dianne Kellas, kellha bidu diffiċli meta lagħbet kontra Christine Nunn tal-Awstralja, tant, li din tal-aħħar ħarġet rebbieħa bl-iskor ta' 3-0, bis-sets ikunu 3-11, 2-11, 2-11.

Daniel Zammit-Lewis kellu rebħa tajba fuq Kale Wilson (Trinidad & Tobago) bl-iskor ta' 3-0.

Il-player Malti ħa 28 minuta biex għeleb lill-avversarju tiegħu fejn is-sets intrebħu f'din l-ordni: 13-11, 11-8, 11-8.

Iżda fir-round tal-Aħħar 32, Zammit-Lewis kellu jbaxxi rasu quddiem Lewis Walter tal-Ġamajka meta tilef bl-iskor ta' 3-0 bis-sets ikunu 7-11, 9-11, 4-11.

---

**Ġurnata 2**

It-timijiet tal-lawn bowls, dawk tal-Women's Four u tal-irġiel, ikkwalifikaw għall-kwarti-finali.

It-team tal-irġiel għeleb  lil dak tal-Kanada (26-12) u lil Guernsey (16-10).

Fil-kategorija tal-Women's Fours, il-Maltin bdew il-ġurnata fuq nota negattiva meta sfaw megħluba minn Fiji bl-iskor ta' 20-12. Iżda mbagħad rebħu kontra l-Irlanda ta' Fuq, 21-8.

Fil-ġinnastika, Sana Grillo kellha wirjiet pożittivi. Hija ħadet sehem fil-ġinnastika artistika u f'dik preferuta tagħha, il-vault, hija rreġistrat punteġġ globali ta' 12.350 biex temmet fl-10 pożizzjoni.

Fil-kategorija All Round, iż-żagħżugħa Grillo kkompetiet fil-vault, uneven bars, balance beam u l-floor exercise biex irreġistrat punteġġ ikkombinat ta' 421.350 biex temmet fis-16-il post.

---

**Ġurnata 3**

It-team Malti tal-women's four tal-lawn bowls ikkwalifika għas-semi-finali meta għeleb lil dak tal-Indja 13-11.

Fil-weightlifting, fil-kategorija 63 kg tan-nisa, Yazmin Zammit Stevens, spiċċat fis-seba' post minn 16-il kompetittriċi.

Hija kisret bosta rekords nazzjonali hekk kif irreġistrat skor totali ta' 174kg.

---

**Ġurnata 4**

Iż-żewġ kategoriji tal-lawn bowls, dawk maskili u femminili, sfaw megħluba fis-semi-finali. Brendan Aquilina u Shaun Parnis tilfu kontra l-koppja Skoċċiża, Paul Foster u Alexander Marshall,





It-team tal-Women's Four li rebaħ il-midalja tal-bronż fil-lawn bowls

It-tiratur Brian Galea li rebaħ il-midalja tal-bronż fit-Trap

bl-iskor 18-8.

It-team tan-nisa safa megħlub minn dak tal-Afrika t'Isfel bl-iskor ta' 14-8.

Fit-10m air pistol, Eleonor Bezzina, falliet milli titla' fuq il-podju wara li kellha prestazzjoni mill-aqwa.

Infatti hija kisbet skor ta' 94, 94, 95 u 95 għal total ta' 378 biex momentarjament kienet fit-tielet post minn 25 tiratura. Imbagħad fir-round li kien imiss hija spiċċat fir-raba' post bi skor totali ta' 193.2, 1.7 punti inqas mill-Awstraljana, Elena Galiabovitch, li kisbet 214.9.

Fl-iskeet, Marlon Attard, kien jinsab f'pożizzjoni tajba biex jikkwalifika għar-round finali meta laqat 25 u 24 minn massimu ta' 50 plattin.

## Ġurnata 5

Malta rnexxielha tirbaħ l-ewwel midalja. Din waslet fil-Women's Four fil-lawn bowls meta t-team tan-nisa, kompost minn Sharon Callus, Rosemarie Rixon u t-tfal tagħha Rebecca u Conneigh-Leigh, lagħab għall-midalja tal-bronż u ħareġ rebbieħ 17-8 fuq il-Kanada.

Mhux l-istess jista' jingħad għat-team tal-irġiel meta ħareġ tellief kontra Cook Islands bl-iskor ta' 17-11.

It-tiratur, Marlon Attard, kien fl-azzjoni meta saret it-tieni sessjoni tar-round ta' kwalifikazzjoni biex jiġu deċiżi s-sitt tiraturi li se jikkompetu fir-round finali.

Iżda huwa spiċċa fil-12-il post minn 15, wara li laqat total ta' 116-il plattin.

## Ġurnata 6

Fil long jump tal-irġiel, Ian Paul Grech irreġistra l-aħjar qabża fil-karriera tiegħu dik ta' 7.43m fir-roundta' kwalifikazzjoni.

Andrew Cassar Torreggiani, qabeż 6.87m fl-ewwel kompetizzjoni internazzjonali tiegħu filwaqt li Charlotte Wingfield ħadet sehem fil-heats tal-200m u reġistrat ħin ta' 24.40 sekondi.

Fl-isparar, Eleanor Bezzina pproduċiet wirja tajba ħafna fir-round ta' kwalifikazzjoni tat-25m pistol precision. Hija kkwalifikat għall-finali wara li kisbet is-seba' pożizzjoni bi skor ta' 571-18x. Iżda hija falliet il-midalja tal-bronż għal erba' punti.

Fil-lawn bowls tal-Women's Pairs, l-aħwa Connie-Leigh u Rebecca Rixon, sofrew żewġ telfiet kontra l-Ingilterra (23-10) u l-Awstralja (18-4).

Fis-singles tal-irġiel, Brandon Aquilina tilef kontra Daniel Salmon (Wales) bl-iskor ta' 21-18, iżda rebaħ kontra Philip Jones (Norfolk Islands) 21-15 u Taiki Paniani (Cook Islands) 21-17.

Fl-isquash, Dianne Kellas u Colette Sultana sofrew telfa kontra t-team ta' Wales 2-0 (11-0, 11-5).

Il-koppja Colette Sultana u Daniel Zammit Lewis tilfu bl-istess skor kontra team minn New Zealand (11-6, 11-6). Iżda mbagħad il-ġurnata għalqet b'riżultat pożittiv meta Bradley Hindle u Dianne Kellas għelbu lil Lynette Vai u Madako Suari ta' Papua New Guinea, 2-0 (11-6, 11-6).

## Ġurnata 7

Il-lottatur Gary Giordimaina kkompeta fir-round ta' kwalifikazzjoni tal-kategorija 57kg. Huwa ffaċċja lill-avversarju Muhammad Bilal tal-Pakistan, b'dan tal-aħħar joħroġ rebbieħ bl-iskor ta' 12-2 (6-0, 6-2).

## Ġurnata 8

Il-lottatFl-isquash, fid-doubles tal-irġiel - Bradley Hindle u Daniel Zammit-Lewis rebħu b'mod faċli lill-koppja minn St Vincent & Grenadines, Jason Doyle u Jules Snaggs bl-iskor ta' 2-0 (11-3, 11-6) biex ikkwalifikaw mal-Aħħar 16.

Iżda sfaw megħluba minn koppja Ingliża 2-0 (11-5, 11-3).

Fil-mixed doubles, Dianne Kellas u Bradley Hindle, tilfu kontra l-Ingliżi 2-0 (11-3, 11-6).

## Ġurnata 9

Il-lottatur, Adam Vella, kien fl-azzjoni, fil-Men's Freestyle tal-65 kg, fejn iffaċċja lill-avversarju diffiċli mill-Pakistan, Abdul Wahab, b'dan tal-aħħar ikun wisq superjuri biex eventwalment ħareġ rebbieħ bi skor ta' 12-2.

## Ġurnata 10

It-tiratur Brian Galea kellu riżultat mill-aktar pożittiv meta fir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Trap meta laqat 48 plattin (24, 25) minn massimu ta' 50 biex jinsab fl-ewwel post flimkien mal-Ingliż, Aaron Heading.

## Ġurnata 11

It-tiratur Brian Galea rebaħ il-midalja tal-bronż fil-kompetizzjoni tat-Trap.

Fit-tieni round ta' kwalifikazzjoni, Gatt laqat 23 plattin fi tliet rounds biex tella' total ta' 117 minn massimu ta' 125 biex temm fis-sitt post flimkien mal-Indjan, Kynan Chenai.

Iżda t-tiratur Malti rebaħ ix-shoot-off 4-3 biex ingħaqad mal-ewwel sitta għall-finali. Galea laqat 36 liema riżultat kien biżżejjed biex jirbaħ il-midalja tal-bronż.




RUGBY EUROPE CONFERENCE 1 SOUTH

# IL-MALTIN JIKSBU L-AKBAR REBHA FL-ISTORJA





ritratti: Christine Borg





Malta ............................................89
Andorra ..........................................3

» It-team nazzjonali Malti tar-rugby kiseb l-akbar rebħa fl-istorja tiegħu fix-xena internazzjonali meta ddomina u għeleb lil dak ta' Andorra bl-iskor ta' 89-3 liema logħba kienet valida mill-European Conference 1 South.

Il-Maltin niżlu għal din il-logħba aċċertati mill-ewwel post grazzi għar-rebħa ta' 24-17 kontra l-Iżrael, barra minn darna.

Dan l-ewwel post ifisser li l-Maltin issa jilagħbu play-off kontra r-rebbieħ tal-Conference 1 North biex ikun promoss għal Rugby Europe Trophy.

Il-Maltin kellhom bidu bi try ta' Benjamin Borg biex bi try oħra ta' Daniel Apsee u conversion ta' James O'Brien għamlu l-iskor 12-0.

Il-Maltin komplew bl-inizjattiva biex Daniel Holliday u O'Brien għamluhom 19-0. Daniel Carrington naqqas il-marġni minn penalty għal Andorra iżda Clayton Cassar u O'Brien temmew l-ewwel taqsima 26-3.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima, il-Maltin komplew ikabbru l-vantaġġ għal 38-3 minn James Kirk u O'Brien.

Brian Dalton u O'Brien għamlu l-iskor 60-3. Bl-avversarji jkunu demoralizzati, il-Maltin komplew jiskorjaw minn Luke Watts, Matthew Spiteri u Christopher Dudman għal 75-3.

Imbagħad Holloway u O'Brien issiġillaw ir-rebħa b'żewġ conversions tal-istess O'Brien għal skor finali ta' 89-3. «

**Malta:** R. Apsee, D. Holliday, A. Harvey, B. Borg, C. Cassar, D. Deguara, L. Watts, D. Apsee, J. Galea, R. Holloway, C. Dudman, D. Busuttil, R. O'Brien, J. Kirk, J. O'Brien

**Andorra:** S. Tosatti, D. Raya, E. Risco, T. Macedo, R. Quintino, P. Ambor, P. Urigen, H. Hernandez, M. Saura, R. Fitè, D. Marquez, J. Correas, B. Taurinya, J. Ginesta, D. Carrington

**Tries:** B. Borg, D. Apsee, D. Holliday, C. Cassar, (2) J. O'Brien , (2) J. Kirk, (3) B. Dalton, L. Watts, M. Spiteri, C. Dudman, R. Holloway,

**Conversions:** (6) J. O'Brien (M), R. Holloway

**Penalties:** D. Carrington (A)

**Referee:** M. Razga (Repub-blika Ċeka)

**Assistenti:** J. Cutajar (Malta), M. Ferreira (Andorra)



# "BIL-QARI U L-KITBA NISKORJA"

## IT-TIELET ĊIKLU










» Wara li madwar sena ilu tnieda l-proġett pilota ta' "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja", fl-iskola ta' Bormla, issa jinsab fit-triq tas-suċċess hekk sar wieħed popolari u qed jiġi mfittex mill-istudenti li qed jgħinhom fl-iżvilupp akkademiku permezz tar-rikreazzjoni.

Sportiv iltaqa' mal-imħuħ ta' dan il-proġett .....

**Tinsabu fit-tielet ċiklu tal-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja". Kif intom sejrin?**

Aħna nħossu li l-programm qed iħalli ħatna tajba u qed jimliena b'sodisfazzjon kbir minħabba li l-programm diġà nfirex f'disa' ċentri f'Malta u Għawdex. Għaldaqstant inħass il-bżonn li jikber it-team tagħna u ngħaqad magħna Sports Literacy Resource Leader ġdid, Gilbert Aglus. Dan huwa wkoll żmien interessanti u eċċitanti għalina għax naraw kif f'sena, minn meta tnieda l-proġett pilota fl-iskola ta' Bormla sal-lum, jiġifieri sena wara, il-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" stabbilixxa ruħu, intlaqa' mill-iskejjel u qed jilħaq l-aspettativi tagħna.



**Issa li kiber il-programm, kif qed jirnexxilkom tilħqu l-għan tagħkom?**

L-għan tagħna baqa' l-istess, li nużaw il-passjoni li għandhom it-tfal għall-football sabiex innisslu l-imħabba lejn il-kotba u l-qari. Però, nemmnu li kull grupp ta' tfal huwa uniku u għandu abbiltajiet differenti. Għalhekk nużaw metodi u riżorsi varji skond il-bżonnijiet tat-tfal sabiex ngħinu lil kulħadd jilħaq il-potenzjal tiegħu u jkun suċċess. Għalhekk biex nagħmlu dan, fil-librerij ta' kull ċentru tagħna nallokaw kotba ta' livelli differenti għal kulħadd, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

**Jeżistu proġetti oħra fi ħdan l-Aġenzija li jsaħħu l-imħabba lejn il-qari permezz tal-football?**

Billi żdiedet sew id-domanda għal dan il-programm, qed jiġu organizzati sessjonijiet ta' darba ġol-iskejjel primarji f'Malta u f'Għawdex li wrew interess f'din l-inizjattiva. F'din is-sessjoni, aħna nuru fil-qosor xi jsir biex nagħtu togħma fil-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja". Dawn is-sessjonijiet qed iservu biex inħeġġu wkoll lit-tfal li jattendu jkomplu jaqraw. B'hekk ukoll qed inkomplu nsaħħu l-għan tagħna li nżidu l-interess fil-programm sabiex dan jibqa' jinfirex u nilħqu aktar studenti.

**Xi pjani għandkom għax-xhur li ġejjin?**

Wara l-mawra tagħna fi Scunthorpe, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu baqgħet f'kuntatt mal-awtur Ingliż, Tom Palmer, u stednitu jiġi Malta. Huwa laqa' din l-istess stedina u se jkun fostna f'Mejju li ġej. Waqt din iż-żjara, ser iżur diversi ċentri, imexxi workshops għat-timijiet tal-litteriżmu tal-kulleġġi, josserva sessjonijiet tagħna u jillaqa' mal-istudenti li ħadu sehem fiċ-ċikli preċedenti.









# SODISFATT BIR-RIŻULTATI TIEGĦI FL-AĦĦAR SNIN

# RODNEY GATT

## (SEWWIEQ)

» Mingħajr dubju wieħed mis-sewwieqa tat-trott rivelazzjoni tal-aħħar snin f'pajjiżna kien iż-żgħażugħ Rodney Gatt. Dan is-sewwieq trabba Ħal Tarxien, għandu 29 sena u għall-ewwel darba s-sena li għaddiet irnexxielu jirbaħ it-titlu tal-aħjar sewwieq tas-sena wara li fis-snin ta' qabel kien rebaħ il-kompetizzjoni tal-aħjar sewwieq taħt il-25 sena. Fil-fatt, bejn l-2006 u l-2013, Gatt kien temm tmien darbiet bħala l-aħjar sewwieq żagħżugħ ta' pajjiżna.

Rodney Gatt twieled fis-16 ta' Lulju, 1988, u fl-istaġun li għadda ħa sehem fi 318-il tiġrija, fejn rebaħ 67 minnhom; temm it-tieni 51 darba; it-tielet 39 darba u r-raba' 25 darba biex għalaq l-istagun b'776 punt. B'hekk għall-ewwel darba huwa rnexxielu jaqbeż żewġ sewwieqa li kienu ilhom jiddominaw ix-xena tat-trott lokali għal diversi snin, jiġifieri Noel Baldacchino u Charles Camilleri.

Mistoqsi dwar kif beda l-interess tiegħu f'dan l-isport, Gatt qal li minn dejjem kellu l-isport taż-żwiemel għal qalbu. Meta missieru, Costantino, ra l-passjoni ta' ibnu lejn dan l-isport iddecieda li jixtrilu pony żgħir xi jsuq.

"Bħal ħafna sewwieqa oħra Maltin, jien bdejt dan l-isport billi kont nieħu sehem f'xi tiġrija tal-ponijiet," qal Rodney. Ftit tas-snin wara, meta kellu 16-il sena, beda jsuq ukoll iż-żwiemel tat-trott. L-ewwel rebħa ta' Rodney fil-qasam tat-trott waslet permezz tal-Isvediż, Chagall Mistral, li kien proprjetá ta' Carmelo Zammit, sid li Gatt għadu jsuqlu sal-lum. Fiduċjuż bis-suċċessi ta' Chagall Mistall, Costantino Gatt xtara lil ibnu żiemel tat-trott ukoll. Dan kien Pac Daro, żiemel li bih Rodney Gatt kellu wkoll numru ta' rebħiet.

Ma' Rodney Gatt ma stajtx ma niddiskutix liema jaħseb li kien l-akbar suċċess li kellu s'issa fil-karriera tiegħu. Ma qagħadx jaħsibha ħafna milli jsemmili r-rebħ tal-kompetizzjoni prestiġjuża tat-Tazza l-Kbira fl-2015 permezz ta' Qui Sait. Dan iż-żiemel Franċiż huwa proprjetá ta' Paul Cassar.

"Qui Sait huwa żiemel formidabbli li ppremettieli nirbaħ l-aqwa kampjonat li jiġi organizzat kull sena għal żwiemel tat-trott f'pajjiżna. Niftakar li meta saret il-finali, fid-19 ta' April, 2015, kien irnexxieli negħleb l-isfida ta' żwiemel oħra li wkoll kienu stabbiliti f'pajjiżna, bħal Cloria Victis, Quorum Quick, Quebir

minn Kenneth Vella





« Rodney Gatt jidher jirbaħ il-finali tat-Tazza l-Kbira b'Qui Sait (Ritratti Mike Orland)

Rodney Gatt wara success li kellu fil-korsa ta' Solvalla fl-Izvezja. »

Rodney Gatt flimkien mas-sidien jiccelebra rebħa ta' Tenor Orange fil-finali għal żwiemel Francizi (Ritratt Alex Azzopardi)




De L'Aube u Vejby Boom. Dik il-finali ma ninsiha qatt. Dan għax mhux faċli li ta' età zgħira jirnexxielek tirbaħ l-akbar avveniment tat-trott li jsir kull sena f'pajjiżna," zied jgħid Gatt.

Gatt ikkummenta wkoll dwar l-istagun 2017 u li matulu stabilixxa ruħu bħala l-aħjar sewwieq ta' pajjiżna. Huwa stqarr miegħi li s-sena li għaddiet huwa kellu diversi rebħiet ewlenin, fosthom il-finali mirbuħa bil-Franċiż, Tenor Orange, proprjetá ta' ħuh Joseph Gatt, James Falzon, Carl Caruana u Carmelo Zammit. Din kienet finali ta' kampjonat għal żwiemel Franċiżi u saret lejn tmiem is-sena li għaddiet. Hija wkoll l-aktar tiġrija li jibqa' jiftakar mis-sena li għaddiet għax waslet ukoll meta ż-żiemel kien għaddej minn wirjiet tajbin ħafna.

Matul l-aħħar snin ukoll Rodney Gatt kellu wkoll diversi esperjenzi anki ta' sewqan u rebħiet ta' tiġrijiet barra minn xtutna, fosthom f'koros ewlenin fl-Isvezja, Franza u anki Palermo fl-Italja, b'din tal-aħħar tkun ukoll heat tal-kampjonat tal-Mediterran.

"Minn dawn mingħajr dubju tibqa' għal qalbi l-aktar ir-rebħa li kelli fl-2009 fit-tiġrija Prix De Malte fil-korsa ta' Cordemais fi Franza. Dakinhar konna numru ta' sewwieqa Maltin li sfidajna sewwieqa Franċiżi. Kienet kompetizzjoni organizzata mill-assocjzzjoni Franċiża Le Trot u l-ewwel rebħa tiegħi barra l-pajjiż. Magħna bħala sewwieqa kien hemm ukoll kontinġent kbir ta' dilettanti Maltin li telgħu apposta u tawna kull appoġġ. Tieħu gost tirbaħ barra l-pajjiż fil-preżenza ta' numru ta' Maltin qegħdin jappoġġawk u jiċċelebraw miegħek. Dan minbarra wkoll li takkwista esperjenza intermazzjonali u tibni kuntatti ma' trainers u sewwieqa professjonali," ikkummenta Gatt.

Finalment, Gatt xtaq jieħu l-okkażjoni u permezz ta' Sportiv jirringrazzja lis-sidien li fdawlu ż-żwiemel tagħhom fl-aħħar snin tal-appoġġ tagħhom u anki lill-ħbieb u familjari li dejjem sabhom ta' appoġġ u sostenn anki fi żminijiet diffiċli. "Is-suċċess trid taħdem għalih u din is-sena bdejtha wkoll fuq nota tajba anki b'sensiela ta' rebħiet u pjazzamenti. J'Allxa nibqa sejjer hekk sal-aħhar tas-sena," ikkonkluda Rodney Gatt. «

# BARBERA, MITCHINSON JIRBĦU T-TOUR TA' MA




» L-24 edizzjoni ta' The Cyclist Tour ta' Malta kellha tiġi fit-tmiem tagħha fuq iċ-ċirkwit tal-By-Pass ta' San Pawl il-Baħar iżda minħabba maltemp qawwi dan l-istadju kellu jitħassar biex fuq kollox titħares is-sigurtá tal-istess ċiklisti.

Għaldaqstant kienu dikjarati uffiċjalment bħala rebbieħa dawk li kienu l-aħjar fil-klassifiki ġenerali fi tmiem it-tielet stadju.

B'hekk fil-kategorija Elite, Baldassare Barbera (Team Grasso Villanti Spagnolo) kien dikjarat bħala rebbieħ b'ħin ta' 4:19:37.23.

Fit-tieni post spiċċa Will Corden (Velo Runner) b'ħin ta' 4:26:37.42, filwaqt li fit-tielet pożizzjoni spiċċa Josh Housley (TBW Bottecchia Wigmore RT) b'ħin ta' 4:28:03.80.

Christian Formosa ta' The Cyclist spiċċa bħala l-aħjar Malti b'ħin 4:29:56.70. Huwa kien segwit minn Alexander Pettett ta' Pro Action Volata Cyc-ling Team b'ħin ta' 4:30:34.07 filwaqt li fit-tielet post temm Maurice Formosa ta' The Cyclist b'ħin ta' 4:30:51.33.

Fil-kategorija tal-Masters kien dikjarat rebbieħ Dave Mitchinson ta' Contour Cycles RT b'ħin ta' 3:06:09.16. Fit-tieni pożizjoni spiċċa Andrew Hicklin ta' Peak Road Club b'ħin ta' 3:06:25.52, mentri fit-tielet pożizzjoni kklassifika Filippo Porpora tat-Team Grasso Villanti Spagnolo b'ħin ta' 3:06:26.54.

Bħala l-aħjar Malti fil-kategorija tal-Masters spiċċa Michael Camilleri ta' Pro Action Volata Cyc-ling Team b'ħin ta' 3:06:45.05. Fit-tieni post temm Fabio Spiteri ta' Mosta AF Sign Studio Cycling Club b'ħin ta' 3:07:10.78 u Ivan Zammit ta' Birkirkara St Joseph spiċċa t-tielet b'ħin ta' 3:08:00.40.

Fil-kategorija tan-Nisa, kiene Mathilde Pauls tat-TW 1 Racing li ġiet dikjarata rebbieħa b'ħin ta' 3:17:31.78. Fit-tieni pożizjoni spiċċat Marie Claire Aquilina (Team Greens) b'ħin ta' 3:18:37.17, b'distakk ta' 1:05.39, u fit-tielet post temmet Gabriella Nordin (TW 1 Racing) b'ħin ta' 3:19:48.90.

Bħala l-aħjar mara Maltija spiċċat Marie Claire Aquilina (Team

Ir-rebbieħa fil-kategorija tal-Elite, Will Corden, Baldassare Barbera u Josh Housley



# U PAULS
# LTA

Greens) b'ħin ta' 3:18:37.17. Fit-tieni post spiċċat Hannah Pace (Mosta AF Sign Studio Cycling Club) b'ħin ta' 3:23:05.67 segwita minn Michelle Vella Wood Team Greens b'ħin ta' 3:26:05.54.

Il-kumitat organizzattiv tat-Tour jixtieq jirringrazza lil diversi sponsors fosthom lil The Cyclist, l-isponsor prinċipali tat-Tour, lil Ministeru għat-Turiżmu, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, lis-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, lill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura, Sport Malta, Kumitat Olimpiku Malti, Kunsilli Lokali tal-Mtarfa, Mġarr, Ħaż-Żebbuġ u San Pawl il-Baħar, General Soft Drinks, BBB Cycling, Garmin, kif ukoll lill-Korp tal-Pulizija, Gwardjani Lokali, ARRTS Timing System, Soreda Hotel u l-Palazzin Hotel. Ħajr speċjali lil clubs u ċ-ċiklisti kollha parteċipi, kif ukoll lill-voluntiera kollha tal-għajnuna tagħhom.

Huma jirringrazzjaw ukoll lill-pubbliku in ġenerali tal-koperazzjoni murija biex kollox mexa kif mixtieq fejn bla dubju is-suċċess ta' dan it-Tour kien wieħed totali li kien imfaħħar minn dawk kollha li pparteċipaw.

Fi tmiem dan it-Tour saret il-premjazzjoni lir-rebbieħa minn Jack Schiavone ta' The Cyclist fejn anke l-president tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, John Zammit ippreżenta l-Merit Awards lil Stephanie Degiorgio fin-nuqqas ta' missierha Mario Meli li kien indispost, kif ukoll lil Daniel Borg Olivier għas-sehem tagħhom fid-diversi edizzjonijiet tal-istess Tour. ❰❰



Ir-rebbieħa fil-Kategorija tan-Nisa, Marie Claire Aquilina, Mathilde Pauls u Gabriella Nordin

Ir-rebbieħa fil-kategorija tal-Master, Andrew Hicklin, Dave Mitchinson u Filippo Porpora





Players Championship

# O'SULLIVAN JILĦAQ IR-REKORD TA' ĦAMES TITLI FI STAĠUN WIEĦED

» Ronnie O'Sullivan rebaħ il-ħames tournament ranking dan l-istaġun, 2017-18, biex issa qed jaqsam ir-rekord tal-iktar titlu fi staġun wieħed wara li fil-finali tal-Players Championship li saret fi Llandudno, Wales, għeleb lil Shaun Murphy 10-4.

O'Sullivan ma kienx fl-aqwa tiegħu fil-finali meta naqas li jagħmel century break wieħed, iżda għamel bosta clearances kruċjali meta rebaħ ħames frames wara li kien mill-inqas 23 punt minn taħt, u dawwar il-konfront favur tiegħu.

Meta dan l-istaġun kien diġà rebaħ l-English Open, ix-Shanghai Masters, il-UK Championship u l-World Grand Prix, O'Sullivan laħaq ir-rekord ta' ħames titli fi staġun imwaqqaf minn Stephen Hendry fl-1990-91 u milħuq minn Ding Junhui fl-2013-14 u Mark Selby fl-2016-17.

O'Sullivan lagħab f'10 tournaments ranking dan l-istaġun, li minnhom rebaħ nofshom, waqt li kull darba li wasal sas-semi-finali huwa rebaħ it-titlu.

Il-premju ta' £125,000 itella' ir-rebħ ta' O'Sullivan għal dan l-istaġun għal £798,500, li huwa t-tieni l-ikbar total għal staġun wieħed, bir-rekord ta' Selby ta' £932,000 fil-mira tiegħu.

It-total ta' titli ranking tal-karriera tal-player ta' 42 sena, issa huwa ta' 33, li jiġu tlieta biss wara r-rekord ta' 36 ta' Hendry. U bil-forma kurrenti li jinsab fiha, sakemm jiġi biex jirtira O'Sullivan jista' jissupera r-rekords kollha ta' Hendry.

Murphy tilef l-erba' finali rankings li lagħab fihom dan l-istaġun inkluż il-UK Championship fejn tilef 10-5 kontra O'Sullivan għalkemm huwa rebaħ it-tournament bl-invit, Champion of Champions, 10-8 kontra r-Rocket.

O'Sullivan kien qed jillidja 6-3 wara l-ewwel ses-sjoni u kabbar il-vantaġġ fl-ewwel frame tat-tieni waħda meta rkupra minn 43-0 bi clearance ta' 92.

Imbagħad Murphy naqqas id-distakk bi clearance totali ta' 137 u fil-frame ta' wara kellu ċans jiskorja, iżda falla l-blu fil-baulk corner meta kien 40-7 minn taħt u O'Sullivan għamel 54 biex mar 8-4 minn fuq.

Fit-13-il frame Murphy reġa' falla boċċa f'mument kruċjali – ħamra fil-pocket tan-nofs – u għal darb'oħra ġie kkastigat bi break ta' 76 biex sal-mistrieħ O'Sullivan għamilhom 9-4.

Anke fl-14-il frame Murphy tela' sa 23 punt biss u l-85 li għamel O'Sullivan rawh jasal sal-linja tat-tmiem.


Ronnie O'Sullivan jiċċelebra s-suċċess tal-Players Championship

"Shaun ma lagħabx tajjeb illum daqs fis-semi-finali, li kienet ħasra għall-finali," qal O'Sullivan wara l-logħba. "Jien żammejt il-pressjoni u lgħabt snooker diċenti. F'ħafna frames huwa beda tajjeb iżda beda jieqaf fuq 40 jew 50 u jien għamilt clearances tajbin.

Meta mistoqsi fuq il-ksur tar-rekord ta' 36 titli ranking ta' Hendry, O'Sullivan qal: "Naħseb li nista' niksru. Dejjem ħsibt li dan ir-rekord kien l-iktar realistiku għalija milli t-titlu tad-Dinja (huwa rebaħ ħamsa għas-sebgħa ta' Hendry) waqt li hemm iktar rekords li nista' immur għalihom. Naħseb li nimmissja li nirbaħ seba' jew tmiem titli mondjali. Li nasal sa 1,000 century breaks tkun waħda tajba u li nirbaħ 37 tournament rankings tkun sabiħa."

Murphy, li rebaħ £50,000 u li ftit ġimgħat qabel sofra injury li kkawżatlu uġiegħ f'dahru u f'għonqu, qal: "Li ġejt hawn mingħajr preparazzjoni u li jkolli ċans nirbaħ it-trofew kontra l-aqwa player li qatt kien hawn, irrid inqis il-ġimgħa bħala suċċess.

"Ovvjament xtaqt aktar it-trofew milli l-midalja ta' runner-up. Kelli staġun konsistenti ħafna u għad baqa' żewġ tournaments kbar. Kienet frustranti għax kelli ħafna logħbiet kontra Ronnie fejn ġejt megħlub bi skor kbir, iżda llum kelli ċansijiet li nirbaħ kważi kull frame. Frankament tlift ħafna frames li kien missni rbaħt iżda fit-tmiem sempliċiment ma kontx kliniku biżżejjed."

Il-frames intemmu hekk:

Ronnie O'Sullivan v Shaun Murphy 10-4 – 39-93 (93), 67-55 O'Sullivan 54), 80-67 (O'Sullivan 50, Murphy 55), 76-9, 30-86 (61), 65-50 (65), 92-14, 70-0 (69), 0-77 (77), 92-43 (92), 0-137 (137), 98-7 (54), 121-9 (76), 90-23 (85). «

China Open

# REBHA LI TAĊĊERTALI SELBY SE JIBQA' N-NUMRU WIEHED



» Il-player minn Leicester, Mark Selby, 34 sena, għamel ċert li fl-aħħar tal-istaġun se jibqa' jokkupa l-ewwel post fir-rankings tad-dinja meta f'Beijing rebaħ iċ-China Open wara li fil-finali warrab għal kollox l-isfida ta' Barry Hawkins meta għelbu 11-3 wara li sa tmiem l-ewwel sessjoni kien fetaħ vantaġġ ta' 8-2.

Din hija t-tielet darba li Selby rebaħ dan it-titlu u t-tieni darba konsekuttiva. Dan l-istaġun huwa tħabat għall-konsistenza fejn rebaħ l-International Championship li sar fiċ-Ċina f'Novembru li għadda.

It-rebħa, li ratu jieħu l-premju ta' £225,000 minbarra t-trofew, kienet waħda mistħoqqa meta ddomina għal kollox lil Hawkins li fil-karriera tiegħu rebaħ tliet tournaments ranking waqt li fi spazju ta' ħames ġimgħat tilef żewġ finali bl-ewwel waħda tkun kontra John Higgins fil-Welsh Open. Il-konsolazzjoni ta' Hawkins, li għandu 38 sena, hija li rebaħ £90,000 u tela' żewġ postijiet fil-lista tar-rankings.

Kien Hawkins li rebaħ l-ewwel frame grazzi għal break ta' 53 iżda Selby rebaħ it-tlieta ta' wara bi breaks ta' 65 u 53 qabel ma rebaħ il-ħames u s-sitt frames bi clearances kruċjali biex fetaħ vantaġġ ta' 5-1.

Hawkins naqqas id-distakk bi break ta' 75 iżda l-avversarju wera l-awtoritá tiegħu fuq il-logħba bi breaks ta' 90, 75 u 43 biex għalaq l-ewwel sessjoni 8-2 fil-vantaġġ. Meta rritornaw għat-tieni sessjoni aktar tard fil-għaxija kważi kollox baqa' l-istess mingħand Selby hekk kif breaks ta' 112 u 83 kabbrulu l-vantaġġ għal 10-2.

Imbagħad Hawkins rebaħ it-13-il frame fuq il-kuluri, iżda Selby għalaq bi stil meta rebaħ l-14-il frame bi clearance totali ta' 132.

"Fl-ewwel sessjoni lgħabt matchplay snooker tajjeb u approfittajt mill-boċċi li falla Barry," qal Selby. "Imbagħad fit-tieni sessjoni sko rjajt tajjeb. Ħassejtni tajjeb il-ġimgħa kollha daqs li kieku l-logħba tiegħi kienet ġejja lura. "Huwa ta' sodisfazzjon kbir li kapaċi toħroġ hemm barra u tkun taf li l-logħba tiegħek tinsab f'qagħda tajba. Meta ġejt hawnhekk ma kontx naf x'se nistenna iżda ma setgħetx tkun aħjar. "Fil-parti tal-bidu tal-karriera tiegħi wasalt f'ħafna finali rankings u tlift. Għal xi żmien iddubitajt lili nnifsi. Iżda wara b'kombinazzjoni ta' xogħol iebes, dedikazzjoni u prattika, bdejt nirbaħhom u bdejt nemmen fija nnifsi.

"Bil-mod kif lgħabt f'ħafna mil-logħbiet hawnhekk, nilgħab tajjeb u niskorja tajjeb, il-kunfidenza tiegħi se tkun għolja għall-bqija tat-tournaments," temm jgħid Selby.

Min-naħa tiegħu Hawkins, qal: "Ninsab diżappuntat ħafna għax fis-semi-finali lgħabt tajjeb ħafna. Illum ma tajtux logħba lil Mark u għamilthielu faċli. Bqajt infalli boċċi faċli u ma nafx għaliex. Kont kunfidenti qabel il-logħba iżda aktar ma għadda l-ħin din bdiet tisparixxi.

"Mark huwa diffiċli ħafna tilgħab kontrih. Hu jkun kuntent sempliċiment li jirbaħ, iżda meta jerġa' jmur fuq il-mejda jerġa' jsib ir-ritmu. Jien inbati biex nagħmel hekk, forsi hija xi ħaġa li rrid nitgħallem. Huwa jagħmel lill-avversarju jilgħab ħażin u din hija arma kbira li jkollok."

Il-frames kollha ntemmu hekk:

Mark Selby v Barry Hawkins 11-3 – 0-80 (53), 78-31 (65), 66-1, 63-17 (53), 69-58, 65-48, 0-83 (75), 114-4 (90), 86-13 (75), 72-6, 112-17 (112), 83-43 (83), 47-59, 132-0 (132). «

## BOV Knock-Out - I Diviżjoni

# HIBERNIANS JIRBĦU L-UNUR GĦAR-RABA' DARBA...

**Luxol**..............................................**70**
**Hibernians**....................................**85**

(10-16, 18-31, 17-19, 25-19)

» Hibernians irnexxielhom jiddefendu t-titlu tan-Knock-Out meta għelbu lil Luxol 85-70 u b'hekk rebħu dan l-unur għar-raba' darba fl-istorja tagħhom.

Kienu l-Vjola li ħadu l-inizjattiva b'żewġ baskets minn William Ahlberg, li ġew imwieġba minn żewġ baskets Pawlisti. Luxol marru fuq quddiem, bi tliet baskets infila. Minn hemm 'il quddiem kienu Hibernians li kkontrollaw il-logħob.

Il-Pawlisti għamlu break ta' 12-0 bi tliet trippli f'qasir ħin, minn Luke Farrugia li ġie mogħti l-unur ta' l-MVP tal-partita.

Hibernians komplew fejn ħallew fil-bidu tat-tieni taqsima bi break ta' 8-0. Luxol wieġbu meta Ahlberg għamel trippla qabel lejn tmiem is-sessjoni l-Pawlisti għamlu break ta' 10-0 b'Roderick Vella jirreġistra trippla.

Nikola Vasovic ukoll kellu trippla għal Luxol, imma sal-intervall kienu Hibernians 47-28 minn fuq.

Wara l-mistrieħ Kyle Meyer beda bi trippla għal Luxol, sakemm Hibernians reġgħu ħadu l-kmand. Break ta' 9-2 ġie segwit minn żewġ trippli ta' Chad Patus. Luxol għamlu reazzjoni iżda l-Pawlisti kienu fil-vantaġġ ta' 66-45.

Hibernians wettqu break ta' 7-2 b'żewġ baskets ta' Marco Matijevic u trippla minn Simon Attard. Keith Dimech kellu trippla għall-Viola, iżda Hibernians wettqu break ta' 10-0, bi trippli ta' Patus u Attard. Luxol temmew il-logħba fuq nota tajba, meta Ahlberg, Dimech u Vasovic kollha kisbu trippla.

Wara l-logħba s-segretarju ġenerali tal-MBA, Joseph Muscat ippreżenta l-midalji lir-rebbieħa, Luke Farrugia rċieva l-unur tal-MVP u t-Tazza tar-rebħ tan-Knock-Out ġiet mogħtija lil Marco Matijevic. «

**Luxol:** CJ Cordina, M. Sjoberg, N. Vasovic 18, J. Melillo, JP Schembri, K. Dimech 11, W. Ahlberg 20, K. Meyer 13, A. Micallef Trigona, D. Schembri 8

**Hibernians:** R. Vella 11, P. Attard, K. Sultana, L. Farrugia 17, S. Attard 6, I. Bonett, L. Tardito 4, A. Axiaq 11, M. Matijevic 8, A. Lizaur 8, F. Mariani, C. Patus 20

**Referees:** B. Vassallo, T. Manter, Z. Dobrosavljevic






### BOV Knock-Out - II Diviżjoni

# ...U DEPIRO GĦAT-TIELET DARBA



**Balkan Fusion**.............................**77**
**Depiro**............................................**88**

(16-22, 25-20, 18-14, 18-32)

›› Depiro ħarġu rebbieħa bil-punteġġ ta' 88-77 kontra Balkan Fusion, biex akkwistaw it-tielet titlu f'din il-kompetizzjoni fl-istorja tagħhom.

Depiro baqgħu viċin tal-avversarji, matul l-ewwel tliet laqsimiet, iżda fil-bidu tal-aħħar sessjoni huma rnexxielhom jirkupraw u għaqqdu vantaġġ utli biżżejjed, li żammhom fil-vantaġġ sat-tmiem il-logħba.

Wara r-rebħ tax-shield, f'din il-kategorija, il-Balkani ħasbu li ser jirbħu t-tieni unur, imma Depiro kellhom ħsibijiet oħra, meta kienu huma li kisbu t-tielet suċċess fin-Knock-Out.

L-aħħar darba li Depiro rebħu dan l-unur kien fl-2004, bl-ewwel darba jasal fl-1988.

Il-Balkani kienu rebħu kontra Depiro, fl-ewwel round fil-kampjonat, imma din id-darba kienu Depiro li pattew għal dik it-telfa. Protagonista għalihom kien l-Amerikan Jack Nygaard, li ġie vvutat bħala l-player tal-logħba u wara l-finali ġie mogħti l-unur tal-MVP. Depiro ma kellhomx liċ-Ċek, Adam Chomo. Għall-Balkani irritornaw Alex Perunicic, Bogdan Ilic u Bogdan Mrkojevic.

Il-Balkani kellhom l-aħjar ftuħ, meta marru 8-2 minn fuq. Depiro għamlu l-istess bi trippla minn Nygaard, biex waslu sa punti ndaqs. Aktar tard Depiro kellhom lil Marko Zloh u Nygaard, b'aktar trippli, meta tellgħu break ta' 10-0.

Aktar punti, fuq kull naħa, raw lid-Depiro jżommu l-vantaġġ. Fit-taqsima ta' wara, l-Balkani marru punt distakk permezz ta' punti minn Perunicic. Depiro reġgħu marru temporanjament fil-vantaġġ, imma l-Balkani waslu punti ndaqs. Depiro wieġbu bi break ta' 8-2, b'żewġ trippli oħra ta' Nygaard. Perunicic għamel break personali ta' 8-2, fejn ġab l-iskor indaqs. Trippla minn Nygaard ħadet lid-Depiro fuq quddiem sal-intervall bi skor ta' 42-41.

Wara l-mistrieħ kien Nicholas Grech għal Depiro, bil-punti tiegħu, kif ukoll trippla. Il-Balkani stejqru u għaqqdu break ta' 10-1, biex qabżu fil-vantaġġ. Depiro rkupraw imma pronti reġgħu tilfuh meta l-Balkani marru 59-56 fil-vantaġġ.

Fl-aħħar sessjoni Mrkojevic kellu trippla għall-Balkani, imma Kurt Xuereb u Nygaard għamlu l-istess, in-naħa l-oħra. Il-Balkani kienu għadhom minn fuq, sakemm Depiro għaqqdu break sod ta' 14-2, li ħasad għal kollox lill-Balkani. Kienu Xuereb u Nygaard, b'dan tal-aħħar bis-seba' trippla tiegħu, li ħadu lid-Depiro b'vantaġġ tajjeb.

L-aħħar sforzi mill-Balkani, bi trippla oħra minn Perunicic ma kienux biżżejjed, u meta l-Balkani ttantaw iwaqqfu l-arloġġ, Depiro għamlu l-punti mil-linja, biex ħarġu rebbieħa, u kisbu t-titlu tan-K.O. wara nuqqas ta' 14-il sena.

Wara l-partita iċ-Chief Officer tal-Bank of Valletta, Peter Perotti, ippreżenta l-unur ta' l-MVP lil Jack Nygaard, waqt li l-coach tagħhom Alfred Mifsud irċieva t-trofew.

**Balkan:** N. Radicevic, B. Ilic 20, I. Kumric 11, S. Opojevlic 4, A. Perunicic 26, Z. Stankovic, B. Mrkojevic 5, N. Bukva , V. Lekovic, N. Stankovic 11, M. Stjepanovic

**Depiro:** E. Briffa 1, A. Allard , N. Grech 17, J. Camilleri , M. Zloh 3, K. Xuereb 17, M. Borg 6, M.Brincat 2, M. Mallia, J. Nygaard 42, M. Debattista, J. Vibe

**Referees:** B. Vassallo, N. Azzopardi, T. Manlere



### Jitwaqqaw club tat-Triathlon

# IRRIDU NRAWMU LIT-TFAL GĦAX HUMA L-FUTUR TAGĦNA

## - Michael Bongailas (fundatur u president)

›› TriGozo huwa club ġdid Għawdxi li kien affiljat riċentament mal-Malta Triathlon Federation u qiegħed jaħdem biex jippromwovi t-triathlon f'Għawdexm b'kollaborazzjoni ma' clubs oħra f'Malta u l-Federazzjoni Triathlon ta' Malta.

It-triathlon f'Għawdex qiegħed jiżdied u dan il-club ta' TriGozo qed jippromwovi bis-sħiħ l-isport b'mod ġenerali u jiżviluppa bażi fiżika u mentali soda għall-isforzi atletiċi oħra u ħajja ta' saħħa ġenerali.

TriGozo għandu l-għan li jintroduċi avvenimenti multisportivi kompetittivi f'Għawdex li joħolqu esperjenza pożittiva għall-atleti kollha involuti. Għan ieħor huwa li titħares f'perspettiva u ssib modi biex tilqa' għall-ħliġijiet tal-atleti tagħha biex tħarreġ f'ambjent sigur u xieraq u ssegwi prassi tajba fl-isport.

L-impenn tal-club huwa li jiffaċilita l-atleti f'Għawdex u jaħdem ħafna biex jipprovdulhom opportunitajiet ġodda f'Għawdex, dak li jitjieb l-għarfien permezz ta' dan l-isport u jgħallmu din id-dixxiplina lil individwi żgħażagh, it-triathlon, bhala sport gdid fil-gżira ta' Għawdex.

Il-moħħ wara dan kollu huwa Michael Bongailas li filwaqt li huwa atleta tat-triathlon, kien l-ewwel Ghawdxi li għamel l-Ironman. Huwa wkoll il-fundatur u president ta' dan l-ewwel club tat-triathlon ġewwa Għawdex. Qabel beda t-triathlon, Bongalias kien jipprattika l-football ma' Victoria Hotspurs u kien jilgħab mat-timijiet rappreżentattivi tal-Gozo Football Association ukoll.

Meta Sportiv staqsa lil Michael Bongailas kif nibtet fih in-namra għat-Ttiathlon, huwa wieġeb li din in-namra bdiet fih permezz tal-Ironman għax hija tellieqa ferm diffiċli, u minn dejjem kellu x-xewqa li xi darba jidħol għaliha.

Dwar kemm jaħseb li dan l-isport huwa diffiċli meta dan jinkorpora fih tliet dixxiplini sportivi diversi huwa qal:

"It-triathlon mhux sport faċli għax trid tkun kapaċi tadatta għal tliet dixxiplini differenti, peró b'determinazzjoni u b'sagrifiċju dan huwa possibbli. It-triathlon mhux sempliċiment sport, imma stil ta' ħajja."

Dwar il-ħolma tat-twaqqif tal-club TriGozo, Michael żied jgħid: "Jien niftakar meta bdejt nipprattika it-triathlon, in-nies ġewwa Għawdex ma kellhomx idea x'inhu, għalhekk jien xtaqt li dan l-isport jiġi introdott u jingħata l-promozzjoni. B'hekk għaddieli l-ħsieb li noħolqu l-club tat-triathlon u naħdmu mat-tfal. Wara kollox, it-tfal huma l-futur tagħna."

Dwar kemm jirrikjedi taħriġ dan l-isport f'ġimgħa huwa sostna li dan l-isport jirrikjedi sitta jew seba' darbiet ta' taħriġ f'ġimgħa, peró jiddependi ukoll xi tlielaq ikun hemm fil-viċin. Dwar kif huwa personalment iqassam dan it-taħriġ, Bongailas qal: "It-Tnejn tkun ġirja ħafifa; it-Tlieta tkun sessjoni fit-trakka u wara ninżel Malta nagħmel sessjoni fil-pixxina mal-coach tiegħi; l-Erbgħa sessjoni fuq Ir-rota fuq It-turbo tralner u wara ezatt ġirja. Din insejhula run off the bike biex saqajk jidraw jiġru riġlejn għajjenin. Din is-session hija l-aktar favorita tiegħi.

"Il-Ħamis ikolli speed session ġeneralment fit-trakka; il-Ġimgħa ikolli ġirja bir-rotra u wara sessjoni fil-pixxina, filwaqt li s-Sibt għawma fil-baħar u wara ġirja żgħira ta' madwar 10 kilometri; il-Ħadd ġirja twila bir-rota li tkun tikkonsisti bejn tlieta jew erba' sigħat u wara nispiċċa b'ġirja żgħir."

Mistoqsi wkoll kemm jirrekjedi sagrifiċji biex iżomm livell tajjeb fl-isport tat-Triathlon huwa qalilna li s-sagrifiċji huma kbar għax trid tħares b'ambizzjoni lejn tliet dixxiplini u mhux dixxiplina waħda biss u dan joħodlok ħafna ħin. Dwar kemm isibha diffiċli li tkun atleta, u fl-istess waqt President tal-club, Bongailas qalilna li "insibha diffiċli ħafna għax bħal ma diġà għidt it-taħriġ tat-triathlon joħodli ħafna ħin u anke il-club joħodli ħafna ħin biex inwettaq xogħol amministrattiv. Hija responsabilta' kbira għax jien qed noħloq u nippromwovi xi ħaġa ġdida ġewwa Għawdex. Pero' jien nemmen li Għawdex għandu potenzjal kbir u jekk ix-xogħol isir bil-għaqal u b'ambizzjoni, għandna nieħdu spinta kbira għall-isport f'Għawdex".

Mistoqsi wkoll dwar liema kienu l-aħjar riżultati personali bħala atleta huwa wieġeb li kellu ħafna riżultati tajbin fejn fl-aħħar żewġ tlielaq li kellhom x'jaqsmu mal-multisport events, id-Duathlon organizzata minn Agones SFC fejn huwa spiċċa fl-ewwel post, u ftit tal-ġimgħat wara ħa sehem fit-triathlon organizzata mil-Malta

minn Joe Bajada




Triathlon Federation fejn spiċċa fit-tieni post.

Meta ġie mistoqsi dwar kif irnexxielu jattira daqstant tfal fin-nursery, Bongailas wieġeb li l-livell għoli li għandu fit-triathlon huwa wieħed mill-fatturi li għinuh. Madankollu jemmen li jattiraw daqshekk tfal għax jaħdmu ħafna bil-qalb u jgħinu lit-tfal jgħixu ħajja sportiva u b'saħħitha.

Dwar l-ambizzjonijiet tiegħu, Bongailas qalilna li:

"Qed naħdem ħafna biex il club ta' TriGozo ikompli jikber u li jien inkompli nsaħħaħ il-karriera tiegħi tal-triathlon u nkompli nipparteċipa fi tlielaq kemm f'Malta kif ukoll f'dawk internazzjonali."

Dwar kemm jara lil gżira Għawdxija addattata biex wieħed jipprattika dan l-isport, huwa tenna: "Personalment naħseb li l-gżira Għawdxija hija addattata ħafna għal dan l-isport u waħda mir-raġunijiet hi għax għandna baħar mil-isbaħ u nadif. Bħala ċikliżmu nħossni sikur aktar ġewwa Għawdex għax it-traffiku ma tantx ifixkilni għax għandna it-toroq tajbin b'ħafna witá kif ukoll ħafna tlajja li aħna iċ-ċiklisti infittxuhom ħafna għax jagħmluna aktar b'saħħitna.

"Bħala ġiri nista ngħid l-istess kumment b'differenza li l-ġiri għandna trakka ta' 900 metru li dejjem tinstab miftuħa lesta għalina biex aħna nitħarrġu fiha."

Meta finalment ġie mistoqsi kemm sab koperazzjoni biex waqqaf dan il-club, Bongailas wieġeb:

"Sibt ħafna koperazzjoni kemm mill-president tal-Malta Triathlon Federation, Cyp Dalli, kif ukoll mill-clubs l-oħra tat-triathlon ġewwa Malla.

"Sibt l-għajnuna mill-Gozo Sports Board u mill-Ministru għal Għawdex, Justyne Caruana, fejn irnexxielha tara l-viżjoni li kont qed nara jiena."

Dwar x'messaġġ jixtieq jgħaddi lil dawk interessati għal dan l-isport, Bongailas temm jgħid:

"It-triathlon huwa opportunitá għal kull individwu biex jippruvah. L-importanti li wieħed ma jaqtax qalbu. M'huwiex faċli imma lanqas huwa mpossibbli.

Awtomatikament jibda jiekol b'dieta bilanċjata u fiżikament u mentalment iħossu aktar f'saħħtu u aħjar. Kulħadd huwa kapaċi jagħmel it-triathlon ... u qatt m'hu tard.". **«**

# L-ATTIVITÀ FIŻIKA, L-ISPORT U Ċ-ĊITTADINI EWROPEJ

**minn James Azzopardi**

» Bejn it-22 u t-23 ta' Marzu li għaddew, il-Kummissjoni Ewropea laqqgħet bosta entitajiet u organizzazzjonijiet sportivi għal-laqgħa annwali tal-EU Sport Forum. Dan il-forum tlaqqa' fil-belt kapitali Bulgara, Sofia, proprju waqt il-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-UE. Is-sena l-oħra, l-EU Sport Forum kien inżamm f'Malta waqt il-Presidenza Maltija.

Waqt dan il-forum, jiġu diskussi diversi suġġetti u setturi relatati mal-isport, u, fil-forum ta' din is-sena, kien hemm sessjonijiet dwar aspetti bħall-effett tal-Olimpjadi fuq l-ambjent, ir-rwol tal-isport fit-tibdil tal-klima, l-isport u l-valuri Ewropej u l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport.

Dan il-forum iservi għal dawk li jipparteċipaw bħala opportunità ideali ta' informazzjoni u qsim ta' ideat dwar il-qagħda tal-isport fil-pajjiżi tal-UE u l-aspett interessanti ta' x'jaħsbu ċ-ċittadini.

Fil-fatt, waqt il-forum stess, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażagħ u l-Isport Tibor Navracsics ippreżenta l-aħħar rapport speċjali tal-Ewrobarometru dwar l-isport u l-attività fiżika (Special Eurobarometer 472).

Dan l-istħarriġ jiġbor fih informazzjoni u statistika dwar aspetti relatati mal-isport u s-saħħa, fosthom kemm iċ-ċittadini jsibu ħin għall-eżerċizzji fiżiċi. L-istudju, ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea ġabar l-informazzjoni mit-28 Stat Membru bejn it-2 u l-11 ta' Diċembru 2017. Madwar 28,000 persuna ħadu sehem u wieġbu minn gruppi soċjali differenti. L-istħarriġ isegwi studji preċedenti mwettqin fl-2002, l-2009 u l-2013, u se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' politiki li jippromwovu l-isport u l-attività fiżika fl-UE.

Dan l-aħħar punt huwa importanti minħabba l-fatt li, tendenza li bdiet tikber mill-2009, reġgħet ġiet reġistrata f'dan l-istħarriġ: ħafna nies ma jagħmlux eżerċizzju frekwenti. Fil-fatt, in-numru kollettiv (UE28) ta' persuni li ma jagħmlu l-ebda tip ta' eżerċizzju żdied minn 42% (2014) għal 46% (2017, l-aktar studju riċenti). Fl-UE28, wieħed mill-aktar fatturi li jirrappreżenta ostaklu għall-eżerċizzju huwa n-nuqqas ta' ħin (40%).

Madanakollu, b'kollox kien hemm sitt pajjiżi li raw żieda pożittiva fl-ammont ta' ċittadini li qalu li jagħmlu eżerċizzju fiżiku jew

meusac
Connecting citizens to the EU



jipprattikaw xi sport, fosthom Malta. Minkejja dan, ir-rata ta' nies li ma jagħmlux l-ebda forma ta' eżerċizzju f'Malta għadha waħda għolja.

67% tal-irġiel u 73% tan-nisa li jgħixu Malta stqarrew li ma jagħmlux eżerċizzju u ma jieħdu sehem fl-ebda sport. Fiż-żewġ każijiet, dawn il-persentaġġi huma ferm ikbar minn dik tal-medja fl-UE28 (56% għall-irġiel u 64% għan-nisa). Mistoqsijin jekk jagħmlux xi forma ta' eżerċizzju fiżiku barra mill-ambitu sportiv, il-maġġoranza assoluta tan-nies f'Malta rrispondew fin-negattiv (83% għall-irġiel u 85% għan-nisa).

Mistoqsija interessanti kienet dik rigward il-post u l-ħin li fih iċ-ċittadini jagħmlu l-eżerċizzju tagħhom. Il-maġġoranza tan-nies f'Malta rrispondew li dan jagħmluh waqt li jkunu sejrin jew għall-post tax-xogħol tagħhom, jew għall-iskola, jew għax-xiri u lura d-dar (31%). Ħafna min-nies irrispondew ukoll li l-maġġoranza tal-eżerċizzji li jagħmlu jsiru b'mod spontanju (71%), u mhux għax huma membri ta' xi club sportiv. Fil-fatt, minn dawk iċ-ċittadini li ħadu sehem fl-istħarriġ, 9% biss stqarrew li huma membri ta' xi organizzazzjoni sportiva.

Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ għandhom iservu mhux biss biex inkunu nafu fejn qegħdin fis-settur sportiv u tas-saħħa, iżda biex tittieħed azzjoni. Iktar ma wieħed ikollu x'jagħmel, iktar għandu jsib ħin għall-attività fiżika, li tilqa' għal ħafna problemi ta' saħħa. Kif jingħad bil-Latin, mens sana in corpore sano – moħħ b'saħħtu, f'ġisem b'saħħtu. ❰❰








# SLIEMA W. CHAMPIONS

### IT-TLETTAX-IL ĠURNATA (TKOMPLI)

**19-04-1964:**
**Sliema Wdrs FC – Valletta FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: R. Cocks (S) 12'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Joe Cassar Naudi u Pawlu Bonett**

Sliema Wdrs FC: Freddie Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Edward Aquilina, Joe 'Jockey' Xuereb (Peter Fitzgerald 83'), Joe Cini, Robbie Buttigieg.

Valletta FC: Tommy Taylor, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Joe Cilia, Frankie Zammit, Vince Tal-Manager' Vassallo, Josie Urpani, Tony Calleja, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo (Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci 57'), Freddie 'Waniż' Borg.

1. Wara assenza ta' seba' snin Sliema Wdrs FC reġgħu saru champions tal-kampjonat Malti għas-16-il darba meta għelbu lill-isfidanti diretti għat-titlu Valletta b'goal uniku ta' Ronnie Cocks b'xi ftit ħtija fuq il-goal tingħata lill-goalkeeper Taylor meta ppanċja l-ballun ħażin fid-direzzjoni ta' Cocks. Skond il-kummenti fuq il-gazzetta 'Sport' tas-segretarju Belti, Manwel Calleja, il-goalkeeper Tommy Taylor fil-half-time qal lil sħabu: 'I am sorry for the big blunder'.

2. Il-ġurnal 'The Bulletin' irrapporta li fil-goal ta' Cocks, il-linesman Joe Cassar Naudi kien għolla l-bandiera għal offside ta' Joe Cini iżda reġa' niżżilha mill-ewwel hekk kif skorja Cocks. Il-ġurnal kompla jgħid li l-bandiera damet mgħollija għal ftit sekondi biss tant li ħadd mill-players ma pprotesta għax ma ndunawx b'dak li ġara.

3 Fit-team li rebaħ din il-partita kienu biss Robbie Buttigieg, Salvu Bonnici u 'Jockey' Xuereb li kienu fil-team tal-Wanderers li rebaħ il-kampjonat seba' snin qabel. Magħhom wieħed irid iżid ukoll lil Sammy Nicholl li waqaf jilgħab f'nofs dan l-istaġun u lil Ġużi Bonnici li lagħab fl-ewwel partita tal-kampjonat, weġġa' u meta rkupra mill-injury ma reġax kiseb postu. Membru ieħor fit-team tal-Wanderers li kien fit-team li rebaħ il-kampjonat seba' snin qabel kien Salvinu Schembri, li issa kien il-coach tat-team.

4. Mill-konfront ta' bejniethom fl-ewwel round mirbuħ 1-0 minn Valletta, Sliema Wanderers kienu rebħu s-sitt logħbiet li lagħbu filwaqt li Valletta rebħu ħamsa u ġew draw ta' 1-1 kontra Hibernians fil-partita l-oħra.

5. Valletta għamlu reazzjoni qawwija biex isalvaw il-partita fit-tieni taqsima fejn laqtu l-lasta tliet darbiet – darbtejn minn Freddie Borg u darba minn Frankie Zammit.

6. Madwar 10,000 spettatur kienu preżenti għal din il-partita biż-żewġ teimijiet idaħħlu £150 kull wieħed mill-gate money. Din bla dubju kienet l-aħjar attendenza għal dan il-kampjonat. Fil-fatt dan l-istaġun kien karaterizzat minn attendenzi fqar fejn ċifri uffiċjali li kienet ħarġet l-MFA kienu wrew li l-attendenzi kienu naqsu b'100,000 mis-sena ta' qabel. Remiġ Sacco fuq 'l-orizzont' dwar il-folla kiteb: 'Stħajjilna li morna għaxar snin lura meta folol simili kienu komuni u spissi.'

7. Minkejja l-attendenza qawwija kien hemm żewġ biblien biss li nfethu biex jidħlu n-nies bil-konsegwenza li kien hemm kjù twil f'Rue D'Argens. Meta beda jsir il-ħin u n-nies indunaw li kienu ser jitilfu biċċa sewwa mill-partita huma faqgħu bieb ieħor u ħafna daħlu b'xejn.

8. It-Tazza Johnnie Walker ġiet ippreżentata lil Sliema Wanderers tliet ġimgħat wara, fis-7 ta' Mejju 1964 mill-viċi-president tal-MFA, Robert Borg Olivier, qabel il-partita ta' ħbiberija tal-Wanderers kontra Norwich City fl-Istadium,

**25-04-1964:**
**Rabat FC – Floriana FC 4-1**
**H T 2-1 Ref: Frans Grech**
**Skurjaw: N. Chircop (R) 4', T. Cauchi (F) 6' u P. Said (R) 22', 62' u 63'.**

Rabat FC: Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Charlie Ciantar, Frans Peplow, Charles Nappa, Victor Azzopardi, Leslie Agius, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Nenu Chircop, Charles Zammit (John Sapiano 59'), Pawlu 'Il-Fulier' Said.

Floriana FC: Charlie Fabri, Joe Grima (Pullu Bartolo 23'), Tony Sammut, Charlie 'Il-Qoċċu' Galea, Edward Azzopardi, Louis Bugeja, Joe Fava, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Aquilina, Louis Marmara'.

1. Rabat kellhom bżonn rebħa bilfors sabiex jibqgħu jittamaw li jsalvaw posthom fl-Ewwel Diviżjoni u rnexxielhom meta għelbu b'mod konvinċenti lil Floriana li, ċerti minn post fil-Cassar Cup, niżlu għal-logħob b'team mimli żagħżagħ.

2. L-eroj tal-partita Pawlu Said neża l-flokk u kien ser iħalli l-ground wara 17-il minuta meta ħassu offiż b'rimarki li għaddielu sieħbu tat-team, Charles Zammit, wara li ma qassamlux il-ballun. Madankollu l-captain George Tonna salva l-ġurnata għar-Rabtin meta mar għal Said u kkonvinċieh biex jirritorna fil-partita.

3. Fir-rapport tal-logħba li dehru fuq il-ġurnali 'The Bulletin' u 'Il-Berqa', is-sostitut ta' Floriana kien irraportat bħala V. Cassar minflok Pullu Bartolo. Il-ġurnali l-oħra kollha niżżlu lil Pullu Bartolo bħala sostitut.

Klassifika: Sliema Wdrs FC 24 pt.; Valletta FC 20 pt.; Floriana FC 16-il pt.; Hibernians FC 15-il pt.; Ħamrun Sp. FC u Rabat FC 10 pti.; Melita FC 8 pti.; St. George's FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC) u J. Urpani (Valletta FC) 9 goals; T. Cauchi (Floriana FC), E. Aquilina u J. Cini (Sliema Wdrs FC) u F. Borg (Valletta FC) 8 goals; V. Cassar (Hibernians FC) u V. Vassallo (Valletta FC) 7 goals; E. Mizzi (St. George's FC) 6 goals.

### L-ERBATAX-IL ĠURNATA

**26-04-1964:**
**Hibernians FC – St. George's FC 4-0**
**H.T 0-0 Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: V. Cassar (H) 62', L. Young (H) 67', E. Theobald(H) 69' u V. Cassar (H) 77'.**

Hibernians FC: Tony Borg, Michael Zammit, Salvu 'Karettuni' Gatt, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Sunny Anastasi, Tony 'Il-Koku' Attard, Tony Griffiths, Frans Scerri, Victor 'Il-Palun' Cassar, Norman Buckle, Lorry Young.

St. George's FC: Pawlu Nappa, Joe Brincat, Andrew Ellul, Frans Buttigieg, Leli Micallef, Edward Darmanin, Leli Sultana, Charles Pavia, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Harry Scicluna, Freddie Demanuele.

minn Tonio Farrugia

1. Lorry Young, li skorja t-tieni goal ta' Hibernians, kellu 15-il sena. Huwa kien wieħed mit-tfal li tela' mill-Oratorju tal-Agostinjani ta' Ħal Tarxien taħt il-gwida ta' Father Hilary.

2. Biż-żewġ goals li skorja Victor Cassar kien tela' fil-quċċata tal-aqwa skorers b'disa' goals daqs Josie Urpani ta' Valletta u Jimmy Mizzi ta' Ħamrun Spartans. Hibernians peró kienu spiċċaw l-impenji tagħhom filwaqt li kemm Ħamrun kif ukoll Valletta kien jonqoshom partita oħra x'jilgħabu.

3. Sitta mid-disa' goals ta' Cassar kienu waslu kontra St. George's.

4. L-attendenza għal din il-partita kienet waħda fqira. Il-ġurnal 'l-orizzont' kiteb li kien hemm inqas minn 100 spettatur filwaqt li r-reporter ta' "Il-Berqa" kien aktar speċifiku meta kiteb li attendew 70 spettatur fejn qal li qagħad jgħoddhom wieħed wieħed.

**05-05-1964:**
**Floriana FC – Ħamrun Sp. FC 1-1**
**H.T 0-0 Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: J. Fava (F) 49' u J. Fondacaro (H) pen. 67'.**

Floriana FC: Charles Fabri, Joe Grima, Tony Sammut, Edward Azzopardi, Lolly Debattista (Charles 'Il-Qoċċu' Galea 10'), Freddie Vella James, Joe Fava, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Louis Bugeja, Louis Marmara'.

Ħamrun Sp. FC: Johnnie Chetcuti, Johnnie Fondacaro, Joe Stanmore, Edward Spiteri, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Charles 'It-Topsy' Aquilina.

1. Oriġinarjament din il-partita kellha tinlagħab, is-Sibt, 9 ta' Mejju, iżda ċċaqalqet għat-Tlieta, 5 ta' Mejju, fil-5.00 p.m. Fil-fatt il-Kunsill tal-MFA fil-Laqgħa tas-7 ta' April, kien iddeċieda li kemm din il-logħba, kif ukoll Sliema kontra Melita li kellha tinlagħab il-Ħadd, 10 ta' Mejju, kellhom jintlagħbu fost il-ġimgħa biex jagħmlu wisgħa għall-partiti ta' ħbiberija li kellhom jilagħbu Norwich City li kienu ser ikunu għal żjara ta' ġimgħa f'Malta.

2. Qabel din il-partita, fit-3.45 pm intlagħbet partita ta' ħbiberija bejn team magħżul mill-iskejjel u l-Minors ta' Rovers United.

3. Floriana kellhom lura fl-ewwel team lil Tony Cauchi, Vella James u Lolly Debattista għalkemm dan tal-aħħar kellu jħalli l-ground wara biss għaxar minuti wara li weġġa' f'daħla għal ballun ma' Jimmy Mizzi. Fil-fatt l-istaġun ta' Debattista intemm hawwnhekk meta wara l-partita sar magħruf li hu kien kiser għadma fl-għarqub.

4. Tony Cauchi ta' Floriana u Fondacaro tal-Ispartans ġew fl-idejn fl-ewwel taqsima bir-referee Ritchie Casha jidħol bejniethom iferraqhom iżda ma jieħu l-ebda azzjoni oħra kontrihom.

5. Bil-punt li ġabru kontra Floriana, l-Ispartans issa kienu serrħu rashom mill-inkwiet tar-relegazzjoni. Fil-fatt l-Ispartans kienu salvaw il-partita b'goal minn penalty mogħti għal handsball ta' Joe Grima.

**11-05-1964:**
**Sliema Wdrs FC – Melita FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: J. Cini (S) pen. 54' u R. Cocks (S) 57'.**
**Referee: Anthony Galea**
**Linesmen: J. Cauchi and J. F. Galea.**

Sliema Wdrs FC: Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Peter Fitzgerald, Joe Cini, Robbie Buttigieg, George Micallef.

Melita FC: Michael Sultana, Alfred 'Il-Paper' Debono, John Bugeja, John 'Casey' Cassar, John Delia, Alfred Dymond, Anton Naudi, Frank Bonello, Edgar Galea (Lawrence Borg), John Bonnett, Emmanuel Suda.

1. Il-partita ntlagħbet it-Tnejn, 11 ta' Mejju, fil-5.00 pm, minħabba ż-żjara ta' Norwich City f'Malta.

2. Melita kellhom bżonn bil-fors rebħa kontra ċ-champions il-ġodda sabiex jisfurzaw decider ma' Rabat fil-ġlieda tagħhom biex ma jiġux relegati. Madankollu huma tilfu l-partita 2-0 u flimkien ma' St. George's niżlu fit-Tieni Diviżjoni.

3. Melita kellhom nieqes lil Edward Darmanin li ġibed muskolu mill-pexxul filwaqt li Salvu Bonnici u 'Jockey' Xuereb ukoll kienu neqsin għall-Wanderers.

4. Il-penalty favur Sliema ngħata meta Alfred Debono 'Il-Paper' żamm minn fuq il-linja b'idejh xutt qawwi ta' Joe Cini li kien għeleb lill-goalkeeper Mike Sultana.

5. Minkejja li Salvinu Schembri mexxa lill-Wanderers għar-rebħ tat-titlu wara nuqqas ta' seba' snin, tlett ijiem wara din il-partita Sliema irreġistraw lill-Ungeriż ta' 31 sena, Janos Bedl, bħala player-coach fuq kuntratt ta' sena fuq salarju ta' £80 fix-xahar. Minbarra Salvinu Schembri, Sliema temmew il-kuntratt ukoll tal-Physical Trainer Mr. Freeth. Dr. Maurice Decesare kien strumentali biex Bedl iffirma mall-Wanderers.

Bedl, li fl-istaġun ta' qabel lagħab ma' Maastricht fil-Belġju, kien wasal Malta fis-7 ta' Mejju fejn assista għall-partita ta' ħbiberija bejn Sliema u Norwich City filwaqt li fl-14 ta' Mejju kien lagħab f'partita ta' ħbiberija ma' Sliema fir-rebħa ta' 4-1 fuq Ħamrun Spartans fejn kien anke skorja wieħed mill-goals għalkemm skond ir-rapporti tal-ġurnali ftit ħalla mpressjoni tajba.

## AHBARIJIET

Fis-7 ta'April, il-player tar-Reserves ta' Valletta Joe Attard, ħu Johnnie Attard tal-ewwel team, ġie sospiż mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA sal-aħħar ta' Diċembru wara li ta daqqa ta' ras lil linesman f'partita mill-kampjonat tar-Reserves. Joe Attard kien anke tressaq il-Qorti fejn kien ġie mmultat £3.

Fil-25 ta'April, 1964, Valletta rebħu l-Kampjonat tar-Reserves meta dak in-nhar huma għelbu lil Sliema Wanderers 1-0. Pawlu Carbonaro kien nieqes għax kien ser jiżżewweġ għalkemm kien preżenti lest biex jidħol jilgħab jekk ikun hemm bżonn. Għal Valletta dan kien ir-raba' kampjonat tar-Reserves li rebħu fl-aħħar ħames snin. Huma kienu tilfu biss il-kampjonat tal-istaġun ta' qabel wara decider kontra ħamrun Spartans (0-3).

Fil-25 ta' April, Gżira United rebħu l-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni u ġew promossi mal-kbar għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom meta kisbu l-punt li kellhom bżonn fi draw ta' 1-1 kontra Birkirkara li kienu fit-tieni post. Fil-fatt Birkirkara kellhom bżonn rebħa biex jiksbu l-promozzjoni. Huma kienu marru fil-vantaġġ b'goal ta' Frans Bonnici 'Il-Lula' iżda kwarta mit-tmiem Sunny Attard kiseb id-draw u l-promozzjoni għal Gżira United.

Fl-10 ta' Mejju, 1964, Sliema Wanderers rebħu l-kampjonat tal-Under 21 għall-ewwel darba meta fl-aħħar logħba tal-kampjonat kisbu r-rebħa li kellhom bżonn meta għelbu lil Melita 2-0 b'goals ta' George Micallef u Ronnie Cocks biex qabżu lil Valletta fil-quċċata tal-klassifika.

Fl-14 ta' Mejju 1964 Fred Barry, 27 sena, li f'dan l-istaġun lagħab partita waħda ma' Melita, kien involut f'inċident bil-mutur meta kien fuq xogħol bħala reporter mat-'Times'. Miegħu kellu l-fotografu tal-gazzetta, Nikola Cassar, ta' 21 sena. Iż-żewġ haddiema spiċċaw l-isptar fejn Barry ma kellu xejn gravi filwaqt li Cassar sarulu sitt punti.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# SPOT THE BALL u irbaħ Flokk ta' Manchester United




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.
Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2018

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon.
Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 132



Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 132 huwa:
**S. Sammut - Sliema**

# TISLIBA



FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill 11 ta' Mejju 2018:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**MIMDUDIN**

1) Il-mibki riċenti player ta' AC Fiorentina u l-Italja (6,6)
8) u 36) Walker, detentur tar-rekord Amerikan fil-Pole Vault (4)
9) Jon, difensur tal-Islanda 1974-1977 (12)
11) u 25) "Kadro du ......", żiemel veteran Franċiż (7)
13) Li stadium ta' Estudiantes hawn jinsab (6,5)
15) u 37) Manuel, ex midfielder ta' Udinese u ċ-Ċili (6)
16) "Associazione Calcio ...", club tal-Football fis-Serie D fl-Italja (3)
17) Bordon, iddefenda l-lasti Interisti f'281 partita (5)
18) Caterine, Triple Jumper Kolumbjana 'tad-deheb' (8)
20) Bezzina, maratoneta internazzjonali Maltija (4)
22) Aaron, 266 partita għal Tottenham u 21 għall-Ingilterra (6)
23) St, Joseph, champions renjanti tad-Darts f'Malta (7)
24) " Voetbalvereniging de ....", club fil-5 Diviżjoni fl-Olanda (4)
25) Ara 11 Mimdudin
26) Vella, Privitera jew Theobald (5)
31) Alkmaar, club tal-Football Olandiż imwaqqaf fl-10/05/1967 (2)
32) Prefiss komuni ħafna fl-ismijiet ta' players Olandiżi (3)
33) Carrie, ex għawwiema Amerikana, 2 midalji tad-deheb fl-1984 (11)
36) Ara 8 Mimdudin
37) Ara 15 Mimduda

**WEQFIN**

1) Jurgen, attakkant żagħżugħ ta' Hibernians u ta' Malta (10)
2) Jason, ex difensur Belġjan ta' Qormi u Valletta (13)
3) Alexandr, tennist professjonali mill-Ukrajna (10)
4) Yossi, midfielder Iżraeljan 1996-2003 (8)
5) Al-Antaif, goalkeeper attwali tas-Saudi Arabia (5)
6) Sirje, difensur tal-Estonja (5)
7) L-aktar team tal-Football remot tad-dinja (7,2,5)
10) National League (1,1)
12) Republic of Ireland jew "...." (4)
14) Avtandil, winger internazzjonali ta' Georgia (9)
16) Aleksei, ex difensur ta' Torpedo Moscow u r-Russja (7)
19) Eirik, midfielder tan-Norveġja b'27 partita 1999-2008 (5)
21) Selcuk, midfielder attwali ta' Galatasaray u t-Turkija (4)
27) Nabil, difensur ta' Borussia Neunkirchen (4)
28) Industries Soccer Association (1,1,1)
29) u 30) Hammett, difensur ċentrali ta' Kalkara FC (6)
30) Ara 29 Weqfin
34) Ilario Aloe, partita waħda ma' Internazionale 2006/07 (1,1)
35) L-ewwel żewġ ittri ta' isem il-footballer Olandiż Gullit (2)

## Soluzzjoni - Ħarġa nru 132

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | L | I | S | E | P | E | L | L | E | G | R | I | N |
| R | | N | | V | | U | | O | | Y | | L | |
| J | A | G | I | E | L | L | O | N | I | A | | I | |
| O | | E | | R | | L | | C | | N | I | C | A |
| N | E | B | E | G | L | E | R | A | S | | N | | N |
| B | | R | | R | | R | | R | | M | I | N | T |
| E | L | I | S | E | U | | P | E | P | | E | | O |
| U | | G | | E | | B | | V | | A | S | E | N |
| | S | T | A | N | K | O | V | I | C | | T | | I |
| K | | S | D | | | H | | C | | M | A | N | O |
| I | | E | L | I | A | N | A | | | A | | U | |
| R | E | N | E | | L | | | S | A | N | D | R | O |
| D | | | N | D | O | Y | E | | B | | E | | B |
| I | L | I | E | | N | | N | D | U | B | I | S | I |

Rebbieħa Ħarġa nru 132:
**P. Calleja - San Ġiljan**

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta
Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information



LOVE FOOTBALL. LIVE THE FINAL.

# WIN EVERY HOUR

WIN TICKETS TO THE
**UEFA CHAMPIONS LEAGUE**
**FINAL KYIV 2018** AND
SEMI-FINAL TICKETS AND
OTHER FOOTBALL PRIZES







UEFA CHAMPIONS LEAGUE | pepsi

**PROUD PARTNER**

PEPSIFOOTBALL.COM.MT